Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10715/16

LIMITE

CFSP/PESC 543
CSDP/PSDC 395

PUBLIC

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, inkluż Kelmtejn ta' Qabel mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kif ukoll Sommarju Eżekuttiv tal-Istrateġija Globali.

KELMTEJN TA' QABEL MINN FEDERICA MOGHERINI

Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea

Qed jiġu ddubitati l-għan u saħansitra l-eżistenza tal-Unjoni tagħna. Minkejja dan, iċ-ċittadini tagħna u d-dinja jeħtieġu Unjoni Ewropea b'saħħitha aktar minn qatt qabel. Ir-reġjun ta' madwarna sar inqas stabbli u inqas sikur. Il-kriżijiet ġewwa l-fruntieri tagħna u lil hinn minnhom qed jaffettwaw b'mod dirett il-ħajja taċ-ċittadini tagħna. Fi żminijiet diffiċli, Unjoni b'saħħitha tkun waħda li taħseb b'mod strateġiku, li jkollha viżjoni waħda u taġixxi f'għaqda. Dan huwa aktar u aktar minnu wara r-referendum Brittaniku. Ser ikollna tassew nerġgħu naħsbu dwar il-mod ta' kif taħdem l-Unjoni tagħna, iżda nafu perfettament għalxiex għandna naħdmu. Nafu x'inhuma l-prinċipji, l-interessi u l-prijoritajiet tagħna. M'hemmx ħin għall-inċertezza: l-Unjoni tagħna teħtieġ Strateġija. Neħtieġu viżjoni kondiviża, u azzjoni komuni.

L-ebda wieħed mill-pajjiżi tagħna ma għandu s-saħħa jew ir-riżorsi biex jindirizza dan it-theddid u jaħtaf l-opportunitajiet ta' żmienna waħdu. Iżda bħala Unjoni ta' kważi nofs biljun ċittadin, il-potenzjal tagħna huwa uniku. In-netwerk diplomatiku tagħna huwa stabbilit sew fl-irkejjen kollha tad-dinja. Ekonomikament, nagħmlu parti mill-G3 dinjija. Aħna l-ewwel sieħeb kummerċjali u l-ewwel investitur barrani ta' kważi kull pajjiż fid-dinja. Flimkien ninvestu aktar fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-bqija tad-dinja f'daqqa. Madankollu, jidher ċar ukoll li m'aħniex nagħmlu użu sħiħ minn dan il-potenzjal. Maġġoranza kbira taċ-ċittadini tagħna tifhem li b'mod kollettiv irridu nassumu r-responsabbiltà tar-rwol tagħna fid-dinja. U kulfejn nivvjaġġa, is-sħab tagħna jistennew li l-Unjoni Ewropea taqdi rwol ewlieni, inkluż bħala fornitur tas-sigurtà globali. Huwa biss jekk naħdmu flimkien, b'mod unit, li nkunu nistgħu nwieġbu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini, u s-sħubiji tagħna jkollhom suċċess. Dan huwa eżattament l-għan tal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Ewropea.

"Globali" ma tfissirx biss is-sens ġeografiku: tirreferi wkoll għall-firxa wiesgħa ta' politika u strumenti li l-Istrateġija tippromwovi. Din tiffoka fuq il-kapaċitajiet militari u l-ġlieda kontra t-terroriżmu daqskemm tiffoka fuq l-opportunitajiet ta' impjieg, soċjetajiet inklużivi u d-drittijiet tal-bniedem. Tittratta l-konsolidazzjoni tal-paċi u r-reżiljenza tal-Istati u s-soċjetajiet, ġewwa u madwar l-Ewropa. L-Unjoni Ewropea minn dejjem kienet kburija bis-setgħa ta' persważjoni tagħha - u hekk ser tkompli tagħmel, għax aħna l-aqwa f'dan il-qasam. Madankollu, l-idea li l-Ewropa hija esklużivament "setgħa ċivili" ma jirriflettix adegwatament r-realtà li qed tevolvi. Pereżempju, bħalissa l-Unjoni Ewropea għandha sbatax-il operazzjoni militari u ċivili, b'eluf ta' irġiel u nisa jservu taħt il-bandiera Ewropea għall-paċi u s-sigurtà – is-sigurtà tagħna stess, u dik tas-sħab tagħna. Għall-Ewropa, setgħa ta' persważjoni u s-setgħa ta' koerċizzjoni jimxu id f'id.

L-Istrateġija trawwem l-ambizzjoni ta' awtonomija strateġika għall-Unjoni Ewropea. Dan huwa neċessarju sabiex jiġu promossi l-interessi komuni taċ-ċittadini tagħna, kif ukoll il-prinċipji u l-valuri tagħna. Minkejja dan, nafu li dawn il-prijoritajiet jiġu moqdija l-aħjar meta ma nkunux waħidna. U dawn jiġu moqdija l-aħjar f'sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u fuq il-multilateraliżmu. Dan mhux żmien il-pulizija globali u l-ġellieda solitarji. Il-politika estera u ta' sigurtà tagħna trid tittratta pressjonijiet globali u d-dinamiki lokali, trid tlaħħaq mas-superpotenzi kif ukoll ma' identitajiet dejjem aktar imkissra. L-Unjoni tagħna ser taħdem biex issaħħaħ is-sħab tagħna: Ser inkomplu napprofondixxu r-rabta transatlantika u s-sħubija tagħna man-NATO, filwaqt li ser nagħmlu wkoll konnessjonijiet ma' atturi ġodda u nesploraw formati ġodda. Ser ninvestu f'ordnijiet reġjonali, u f'kooperazzjoni bejn u fost ir-reġjuni. U ser nippromwovu governanza globali riformata, waħda li tista' tilqa' l-isfidi ta' dan is-seklu 21. Ser ninvolvu ruħna b'mod prattiku u msejjes fuq il-prinċipji, filwaqt li nikkondividu responsabbiltajiet globali mas-sħab tagħna u nikkontribwixxu għall-ħiliet tagħhom. Tgħallimniha l-lezzjoni: id-dgħufijiet tal-ġar tiegħi u tas-sieħeb tiegħi huma d-dgħufijiet tiegħi stess. Għalhekk ser ninvestu f'soluzzjonijiet li jgawdi minnhom kulħadd, u nimxu lil hinn mill-illużjoni li l-politika internazzjonali tista' tkun kompetizzjoni fejn dak li jintrebaħ minn naħa jintilef minn xi naħa oħra.

Dan kollu ser ipoġġi lil kull wieħed mill-Istati Membri tagħna – u kull ċittadin tal-Unjoni tagħna – f'qagħda aħjar. Dawn il-miri kollha jistgħu jinkisbu biss permezz ta' Ewropa tassew magħquda u impenjata. Li l-kulturi tagħna jingħaqdu flimkien biex niksbu l-miri kondiviżi tagħna u naqdu l-interessi komuni tagħna hija sfida ta' kuljum, iżda huwa wkoll l-akbar saħħa tagħna: hija d-diversità li tagħmilna b'saħħitna.

Iva, l-interessi tagħna huma tassew interessi Ewropej komuni: l-uniku mod kif naqduhom huwa permezz ta’ mezzi komuni. Dan hu għaliex għandna responsabbiltà kollettiva li nagħmlu l-Unjoni tagħna Unjoni aktar b’saħħitha. Il-poplu tal-Ewropa jeħtieġ unità fl-għanijiet fost l-Istati Membri tagħna, u unità fl-azzjonijiet fil-politiki kollha tagħna. Dinja fraġli teħtieġ Unjoni Ewropea aktar kunfidenti u responsabbli, teħtieġ politika estera u ta' sigurtà Ewropea orjentata 'l barra u lejn il-ġejjieni. Din l-Istrateġija Globali ser tiggwidana fil-ħidma tagħna ta’ kuljum lejn Unjoni li tissodisfa tassew il-ħtiġijiet, it-tamiet u l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tagħha; Unjoni li tibni fuq is-suċċess ta’ 70 sena ta’ paċi; Unjoni li għandha s-saħħa tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun tagħna u fid-dinja kollha.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Għandna bżonn Ewropa aktar b'saħħitha. Dan huwa dak li jistħoqqilhom iċ-ċittadini tagħna, dan huwa dak li tistenna l-bqija tad-dinja.

Qed ngħixu fi żminijiet ta' kriżi eżistenzjali, fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. L-Unjoni tagħna hija mhedda. Il-proġett Ewropew tagħna li ġab miegħu paċi, prosperità u demokrazija mingħajr preċedent qed jiġi ddubitat. Fil-Lvant, inkiser l-ordni tas-sigurtà Ewropea, filwaqt li t-terroriżmu u l-vjolenza qed jifnu t-Tramuntana tal-Afrika u l-Lvant Nofsani, kif ukoll l-Ewropa nnifisha. It-tkabbir ekonomiku għad irid jissupera id-demografija f'partijiet tal-Afrika, it-tensjonijiet ta' sigurtà fl-Asja qed jiżdiedu, filwaqt li t-tibdil fil-klima qed jikkawża aktar tfixkil. Madanakollu dawn huma wkoll żminijiet ta' opportunità straordinarja. It-tkabbir globali, il-mobbiltà, u l-progress teknoloġiku – flimkien mas-sħubiji dejjem aktar approfonditi tagħna – jgħinuna nirnexxu, u jippermettu lil aktar nies jaħarbu l-faqar u jgħixu ħajja itwal u aktar ħielsa. Ser ninnavigaw f'din id-dinja diffiċli, aktar konnessa, ikkontestata u kumplessa, iggwidati mill-interessi, l-prinċipji u l-prijoritajiet komuni tagħna. B'saqajna sodi fuq il-valuri minquxa fit-Trattati u abbażi tas-saħħiet diversi saħħiet u l-kisbiet storiċi, ser nibqgħu magħqudin biex nibnu Unjoni aktar b'saħħitha, li twettaq ir-rwol kollettiv tagħha fid-dinja.

1. <u>L-Interessi u l-Prinċipji Komuni Tagħna</u>

L-Unjoni Ewropea ser tippromwovi l-***paċi*** u tiggarantixxi s-***sigurtà*** taċ-ċittadini u t-territorju tagħha. Is-sigurtà interna u dik esterna huma dejjem aktar interkonnessi: is-sigurtà tagħna f'pajjiżna tiddependi fuq il-paċi lil hinn mill-fruntieri tagħna.

L-UE ser tavvanza l-***prosperità*** tal-poplu tagħha. Il-prosperità trid tkun kondiviża u dan jirrikjedi l-issodisfar tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja, inkluż fl-Ewropa. Unjoni prospera tiddependi wkoll fuq sistema ekonomika internazzjonali miftuħa u ġusta u aċċess sostenibbli għall-beni komuni globali.

L-UE ser trawwem ir-reżiljenza tad-***demokraziji*** tagħha. Meta ngħixu konsistentement skont il-valuri tagħna, inkunu qed niddeterminaw il-kredibbiltà u l-influwenza esterna tagħna.

L-UE ser tippromwovi ***ordni globali bbażat fuq ir-regoli***. Hu fl-interess tagħna li nippromwovu regoli li jkun sar qbil dwarhom biex nipprovdu beni pubbliċi globali u nikkontribwixxu għal dinja paċifika u sostenibbli. L-UE ser tippromwovi ordni globali bbażat fuq ir-regoli bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha.

Aħna ser inkunu ggwidati minn prinċipji ċari. Dawn jirriżultaw kemm minn valutazzjoni realistika tal-ambjent strateġiku attwali kif ukoll minn aspirazzjoni idealistika għall-avvanz ta' dinja aħjar. Il-prammatiżmu bbażat fuq prinċipji ser jiggwida l-azzjoni esterna tagħna fis-snin li ġejjin.

F'dinja aktar komplessa, irridu nibqgħu ***magħqudin***. Huwa biss l-isforz magħqud ta' unjoni vera li għandu l-potenzjal li jagħti sigurtà, prosperità u demokrazija liċ-ċittadini tagħha u jagħmel differenza pożittiva fid-dinja.

F'dinja aktar konnessa, l-UE ser ***timpenja ruħha*** ma' oħrajn. L-Unjoni ma tistax ittella' ħajt biex tevita t-theddid estern. Biex nippromwovu s-sigurtà u l-prosperità taċ-ċittadini tagħna u biex nissalvagwardjaw id-demokraziji tagħna, aħna ser nimmaniġġaw l-interdipendenza, bl-opportunitajiet, l-isfidi u l-biżgħat kollha li din iġġib magħha, billi nimpenjaw ruħna mal-bqija tad-dinja.

F'dinja aktar ikkontestata, l-UE ser tkun iggwidata minn sens qawwi ta' ***responsabbiltà***. Aħna ser nimpenjaw ruħna b'mod responsabbli madwar l-Ewropa u r-reġjuni tal-madwar fil-lvant u n-nofsinhar. Aħna ser naġixxu b'mod globali sabiex nindirizzaw il-kawżi bażiċi tal-konflitt u l-faqar, u nippromwovu d-drittijiet tal-bniedem.

L-UE ser tkun parti interessata globali responsabbli, iżda r-responsabbiltà għandha tkun kondiviża. Ir-responsabbiltà tmur id f'id mat-tiġdid mill-ġdid tas-***sħubiji*** esterni tagħna. Fit-twettiq tal-għanijiet tagħna, ser nilħqu l-istati, l-korpi reġjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Aħna ser naħdmu ma' sħab ewlenin, pajjiżi u raggruppamenti reġjonali li jaħsbuha l-istess. Ser napprofondixxu s-sħubiji tagħna mas-soċjetà ċivili u s-settur privat bħala atturi ewlenin f'dinja konnessa b'netwerks.

2. <u>Il-Prijoritajiet tal-Azzjoni Esterna tagħna</u>

Sabiex nippromovu l-interessi komuni tagħna, filwaqt li naderixxu ma' prinċipji ċari, l-UE ser issegwi ħames prijoritajiet.

Il-Sigurtà tal-Unjoni tagħna: L-Istrateġija Globali tal-UE tibda fil-livell lokali. L-Unjoni tagħna ippermettiet liċ-ċittadini jgawdu mingħajr preċedent minn sigurtà, demokrazija u prosperità. Iżda llum it-terroriżmu, it-theddid ibridu, il-volatilità ekonomika, it-tibdil fil-klima u l-insigurtà tal-enerġija jipperikolaw il-poplu u t-territorju tagħna. Livell xieraq ta' ambizzjoni u awtonomija strateġika huwa importanti għall-ħila tal-Ewropa li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà fi ħdan il-fruntieri tagħha u lil hinn minnhom. Għalhekk ser insaħħu l-isforzi tagħna fuq id-difiża, iċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-enerġija u l-komunikazzjoni strateġika. L-Istati Membri jridu jittraduċu f'azzjoni l-impenji tagħhom f'assistenza reċiproka u solidarjetà li huma minquxa fit-Trattati. L-UE ser iżżid il-kontribut tagħha għas-sigurtà kollettiva tal-Ewropa, billi taħdem mill-qrib mas-sħab tagħha, l-ewwel man-NATO.

Reżiljenza tal-Istat u s-Soċjetà fil-Lvant u n-Nofsinhar tagħna: Huwa fl-interess taċ-ċittadini tagħna li ninvestu fir-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet fil-Lvant li jilħqu fl-Asja Ċentrali, u lejn in-Nofsinhar sal-Afrika Ċentrali. Skont il-politika tat-tkabbir tal-UE attwali, proċess tal-adeżjoni kredibbli bbażat fuq kundizzjonalità stretta u ġusta huwa kruċjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent u tat-Turkija. Taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), ħafna nies jixtiequ jibnu relazzjonijiet eqreb mal-Unjoni: is-setgħa qawwija tagħna ta' attrazzjoni tista' tixpruna t-trasformazzjoni f'dawn il-pajjiżi. Iżda r-reżistenza hija wkoll prijorità f'pajjiżi oħra fi ħdan u lil hinn tal-PEV. L-UE ser tappoġġa r-rotot differenti tar-reżiljenza, billi timmira l-każijiet l-iżjed akuti ta' fraġilità governattiva, ekonomika, soċjali u ta' klima/enerġija, kif ukoll tiżviluppa aktar politiki effettivi dwar il-migrazzjoni għall-Ewropa u s-sħab tagħha.

Approċċ Integrat għal Konflitti: Meta jiżbroffaw konflitti vjolenti, l-interessi vitali komuni tagħna huma mhedda. L-UE ser timpenja ruħha b'mod prattiku u ta' prinċipju fil-bini tal-paċi, u trawwem is-sigurtà tal-bniedem permezz ta' approċċ integrat. L-implimentazzjoni ta' 'approċċ komprensiv għall-konflitti u l-kriżijiet permezz ta' użu koerenti tal-politiki kollha għad-dispożizzjoni tal-UE huwa essenzjali. Iżda t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-'approċċ komprensiv' ser jikbru. L-UE ser taġixxi fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' konflitt, taġixxi fil-pront fuq il-prevenzjoni, twieġeb b'mod responsabbli u deċiżiv għall-kriżijiet, tinvesti fl-istabbilizzazzjoni, u tevita diżimpenn bikri meta tinqala' kriżi ġdida. L-UE ser taġixxi f'livelli differenti ta' governanza: konflitti bħal dawk fis-Sirja u fil-Libja għandhom dimensjonijiet lokali, nazzjonali, reġjonali u globali li jridu jiġu indirizzati. Fl-aħħar nett, l-ebda wieħed minn dawn il-konflitti ma jista' jiġi solvut minnha biss. Il-paċi sostenibbli tista' tinkiseb biss permezz ta' ftehimiet komprensivi bbażati fuq sħubijiet wiesgħa, profondi u dejjiema reġjonali u internazzjonali, li l-UE ser trawwem u tappoġġa.

Ordnijiet Reġjonali ta' Kooperazzjoni: F'dinja maqbuda bejn pressjonijiet globali u respinġiment lokali, id-dinamiċi reġjonali jsiru prominenti. Forom volontarji ta' governanza reġjonali joffru lill-istati u l-popli l-opportunità għal ġestjoni aħjar ta' tħassib rigward sigurtà, jiġu sfruttati l-kisbiet ekonomiċi tal-globalizzazzjoni, jesprimu b'mod aktar sħiħ il-kulturi u l-identitajiet, u jipproġettaw l-influwenza fl-affarijiet dinjija. Dan huwa raġunament fundamentali għall-paċi u l-iżvilupp tal-UE fis-seklu 21, u din hija r-raġuni għaliex aħna ser nappoġġaw ordnijiet reġjonali ta' kooperazzjoni madwar id-dinja. F'reġjuni differenti – fl-Ewropa; fil-Mediterran, il-Lvant Nofsani u l-Afrika; madwar l-Atlantiku, kemm fit-tramuntana kif ukoll fin-nofsinhar; fl-Asja; u fl-Artiku – l-UE ser tiġi xprunata minn għanijiet speċifiċi.

Il-Governanza Globali għas-Seklu 21: L-UE hija impenjata għal ordni globali bbażat fuq id-dritt internazzjonali, li jiżgura d-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u aċċess dewwiemi għall-beni komuni globali. Dan l-impenn jissarraf f'aspirazzjoni li tbiddel aktar milli sempliċiment tippreserva s-sistema eżistenti. L-UE ser tistinka għal NU b'saħħitha bħala s-sies tal-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli, u ser tiżviluppa reazzjonijiet koordinati f'livell dinji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, atturi statali u mhux statali.

3. Minn Viżjoni għal Azzjoni

Aħna ser inwettqu l-prijoritajiet tagħna permezz tal-mobilizzazzjoni tan-netwerks mingħajr paragun tagħna, tal-piż ekonomiku tagħna u l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna b'mod koerenti. Biex nissodisfaw l-għanijiet tagħna, għandna b'mod kollettiv ninvestu f'Unjoni kredibbli, reattiva u magħquda.

Unjoni Kredibbli: Biex nimpenjaw ruħna b'mod responsabbli mad-dinja, il-kredibbiltà hija vitali. Il-kredibbiltà tal-UE tiddependi fuq l-unità tagħna, fuq il-ħafna kisbiet tagħna, is-setgħa qawwija tagħna ta' attrazzjoni, l-effettività u l-konsistenza tal-politiki tagħna, u l-aderenza tal-valuri tagħna. Unjoni aktar b'saħħitha teħtieġ ukoll li tinvesti fid-dimensjonijiet kollha tal-politika barranija. B'mod partikolari, l-investiment fis-sigurtà u d-difiża huwa kwistjoni ta' urġenza. L-ispettru sħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża huma meħtieġa biex jirrispondu għall-kriżijiet esterni, jibnu l-kapaċitajiet tas-sħab tagħna, u jiggarantixxu s-sigurtà tal-Ewropa. L-Istati Membri jibqgħu sovrani fid-deċiżjonijiet tad-difiża tagħhom: madankollu, sabiex jinkisbu u jinżammu ħafna minn dawn il-kapaċitajiet, il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża għandha ssir in-norma. L-UE ser tinkoraġġixxi b'mod sistematiku l-kooperazzjoni fid-difiża u tistinka biex tinħoloq industrija tad-difiża Ewropea b'saħħitha, li hi kritika għall-awtonomija tad-deċiżjoni u l-azzjoni tal-Ewropa.

Unjoni Reattiva: L-azzjoni diplomatika tagħna għandha tkun imsejsa fuq it-Trattat ta' Lisbona. Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni għandha ssir aktar reattiva. Għandha tiġi esplorata kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri, u din tista' twassal għal forma ta' kooperazzjoni aktar strutturata, li tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona. Il-politika ta' żvilupp jeħtieġ ukoll li ssir aktar flessibbli u allinjata mal-prijoritajiet strateġiċi tagħna.

Unjoni Magħquda: Irridu nsiru aktar magħqudin fil-politiki esterni tagħna kollha, bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, u bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki tagħna. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-migrazzjoni, u s-sigurtà, notevolment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għandna wkoll sistematikament nintegraw id-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fis-setturi kollha tal-politika u l-istituzzjonijiet.

Din l-Istrateġija hija msejsa fuq il-viżjoni ta' u l-ambizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha, lesta u kapaċi li tagħmel differenza pożittiva fid-dinja. Iċ-ċittadini tagħna jistħoqqilhom Unjoni vera, li tippromwovi l-interessi komuni tagħna billi jinvolvu ruħhom b'mod responsabbli u fi sħubija ma' oħrajn. Issa f'idejna li dan nittraduċuh f'azzjoni.

VIŻJONI KONDIVIŻA, AZZJONI KOMUNI: EWROPA AKTAR B'SAĦĦITHA

Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea

Għandna bżonn Ewropa aktar b'saħħitha. Dan huwa dak li jistħoqqilhom iċ-ċittadini tagħna, dan huwa dak li tistenna l-bqija tad-dinja.

Qed ngħixu fi żminijiet ta' kriżi eżistenzjali, fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. L-Unjoni tagħna hija mhedda. Il-proġett Ewropew tagħna li ġab miegħu paċi, prosperità u demokrazija mingħajr preċedent qed jiġi ddubitat. Fil-Lvant, inkiser l-ordni tas-sigurtà Ewropea, filwaqt li t-terroriżmu u l-vjolenza qed jifnu t-Tramuntana tal-Afrika u l-Lvant Nofsani, kif ukoll l-Ewropa nnifisha. It-tkabbir ekonomiku għad irid jissupera id-demografija f'partijiet tal-Afrika, it-tensjonijiet ta' sigurtà fl-Asja qed jiżdiedu, filwaqt li t-tibdil fil-klima qed jikkawża aktar tfixkil. Madanakollu dawn huma wkoll żminijiet ta' opportunità straordinarja. It-tkabbir globali, il-mobbiltà, u l-progress teknoloġiku – flimkien mas-sħubiji dejjem aktar approfonditi tagħna – jgħinuna nirnexxu, u jippermettu lil aktar nies jaħarbu l-faqar u jgħixu ħajja itwal u aktar ħielsa. Ser ninnavigaw f'din id-dinja diffiċli, aktar konnessa, ikkontestata u kumplessa, iggwidati mill-interessi, l-prinċipji u l-prijoritajiet komuni tagħna. B'saqajna sodi fuq il-valuri minquxa fit-Trattati u abbażi tas-saħħiet diversi saħħiet u l-kisbiet storiċi, ser nibqgħu magħqudin biex nibnu Unjoni aktar b'saħħitha, li twettaq ir-rwol kollettiv tagħha fid-dinja.

1. STRATEĠIJA GLOBALI BIEX TIPPROMWOVI L-INTERESSI TAĊ-ĊITTADINI TAGĦNA

L-interessi u l-valuri tagħna jimxu id f'id. Għandna interess li nippromwovu l-valuri tagħna fid-dinja. Fl-istess waqt, il-valuri fundamentali tagħna huma mnaqqxa fl-interessi tagħna. Il-paċi u s-sigurtà, il-prosperità, id-demokrazija u l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli huma l-interessi vitali li jirfdu l-azzjoni esterna tagħna.

Paċi u Sigurtà

L-Unjoni Ewropea ser tippromwovi l-paċi u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini u t-territorju tagħha. Dan ifisser li l-Ewropej, filwaqt li jaħdmu ma' sħab, għandhom ikollhom il-kapaċitajiet meħtieġa biex jiddefendu lilhom infushom u jonoraw l-impenji tagħhom ta' assistenza reċiproka u solidarjetà li jinsabu minquxa fit-Trattati. Is-sigurtà interna u esterna huma dejjem aktar marbutin ma' xulxin: is-sigurtà domestika tagħna teħtieġ interess parallel fil-paċi fir-reġjuni tal-viċinat u ta' madwarna. Dan jimplika interess usa' fil-prevenzjoni tal-konflitti, il-promozzjoni tas-sigurtà tal-bniedem, l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-instabilità u ħidma lejn dinja aktar sikura.

Prosperità

L-UE ser tavvanza l-prosperità tal-poplu tagħha. Dan ifisser il-promozzjoni tat-tkabbir, impjiegi, ugwaljanza u ambjent sikur u b'saħħtu. Filwaqt li Unjoni prospera hija l-bażi għal Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja, il-prosperità għandha tiġi kondiviża u tirrikjedi li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) jiġu sodisfati fid-dinja kollha, inkluż fl-Ewropa. Barra minn hekk, billi fil-futur qrib il-biċċa l-kbira tat-tkabbir dinji mistenni li jseħħ barra l-UE, il-kummerċ u l-investiment ser jirfdu dejjem aktar il-prosperità tagħna: Unjoni prospera tiddependi minn suq intern b'saħħtu u sistema ekonomika internazzjonali miftuħa. Għandna interess fi swieq ġusti u miftuħa, fl-immudellar ta' regoli globali dwar l-ekonomija u l-ambjent, u f'aċċess sostenibbli għall-beni komuni globali permezz ta' rotot miftuħa tal-baħar, tal-art, tal-ajru u tal-ispazju. Minħabba r-rivoluzzjoni diġitali, il-prosperità tagħna tiddependi wkoll fuq il-fluss ħieles tal-informazzjoni u l-katini ta' valur mondjali iffaċilitati permezz ta' Internet liberu u sikur.

Demokrazija

L-UE ser trawwem ir-reżiljenza tad-demokraziji tagħha, u ser tonora l-valuri li inspiraw il-ħolqien u l-iżvilupp tagħha. Dawn jinkludu r-rispett għal u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Dawn jinkludu l-ġustizzja, is-solidarjetà, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, il-pluraliżmu, u r-rispett għad-diversità. Ir-rispett tal-valuri tagħna b'mod konsistenti internament ser jiddetermina l-kredibbiltà u l-influwenza esterna tagħna. Sabiex titħares il-kwalità tad-demokraziji tagħna, aħna ser nirrispettaw id-dritt domestiku, Ewropew u internazzjonali fl-oqsma kollha, mill-migrazzjoni u l-asil sal-enerġija, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kummerċ. Li nibqgħu leali lejn il-valuri tagħna hija kwistjoni ta' liġi kif ukoll ta' etika u identità.

Ordni Globali Bbażata fuq ir-Regoli

L-UE ser tippromwovi ordni globali bbażata fuq ir-regoli bil-multilateraliżmu bħala prinċipju ewlieni tagħha u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha. Bħala Unjoni ta' pajjiżi ta' daqs medju sa daqs żgħir, aħna għandna interess komuni Ewropew li niffaċċjaw id-dinja flimkien. Permezz tal-piż kombinat tagħna, nistgħu nippromwovu regoli maqbula biex titrażżan il-politika tal-forza u jingħata kontribut għal dinja paċifika, ġusta u prospera. Il-ftehim nukleari Iranjan huwa eżempju ċar ta' dan il-fatt. Ordni multilaterali msejsa fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji tal-Karta tan-NU u tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija l-unika garanzija għall-paċi u s-sigurtà fl-Ewropa u barra minnha. Ordni globali bbażata fuq ir-regoli tillibera l-potenzjal sħiħ ta' Unjoni prospera b' ekonomiji miftuħa u konnessjonijiet globali profondi, u tnaqqax il-valuri demokratiċi fi ħdan is-sistema internazzjonali.

2. IL-PRINĊIPJI LI JIGGWIDAW L-AZZJONI ESTERNA TAGĦNA

Aħna ser inkunu ggwidati minn prinċipji ċari. Dawn jirriżultaw kemm minn valutazzjoni realistika tal-ambjent strateġiku kif ukoll minn aspirazzjoni idealistika għall-avvanz ta' dinja aħjar. Biex ninnavigaw bejn l-iżolazzjoniżmu ta' Xilla u l-intervenzjoniżmu mgħaġġel ta' Kariddi, l-UE ser timpenja ruħha mad-dinja billi timmanifesta responsabbiltà fil-konfront tal-oħrajn u sensittività lejn il-kontinġenza. Il-pragmatiżmu bbażat fuq prinċipji ser jiggwida l-azzjoni esterna tagħna fis-snin li ġejjin.

Unità

F'dinja aktar komplessa ta' bidliet u tixrid tal-poter dinji, l-UE għandha tkun magħquda. It-tiswir tal-għaqda bħala Ewropej – fl-istituzzjonijiet, l-Istati u l-popli kollha – qatt ma kien daqshekk importanti u lanqas daqshekk urġenti. L-għaqda bejnietna qatt ma kienet daqshekk ikkontestata. Flimkien ser inkunu kapaċi niksbu aktar minn Stati Membri li jaġixxu waħedhom jew b'mod mhux ikkoordinat. Ma hemm ebda kunflitt bejn l-interessi nazzjonali u dawk Ewropej. L-interessi komuni tagħna jistgħu jiġu servuti biss billi nkunu u naġixxu flimkien. Huwa biss l-isforz magħqud ta' unjoni vera li għandu l-potenzjal li jagħti sigurtà, prosperità u demokrazija liċ-ċittadini tagħha u jagħmel differenza pożittiva fid-dinja. L-interessi taċ-ċittadini tagħna huma moqdija l-aħjar permezz ta' unità fl-iskop bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kollha, u unità fl-azzjoni billi nimplimentaw flimkien politiki koerenti.

Impenn

F'dinja aktar konnessa, l-UE ser tilħaq u timpenja ruħha ma' oħrajn. Fid-dawl ta' katini ta' valur mondjali, l-avvanzi sfrenati fit-teknoloġija u l-migrazzjoni li dejjem tiżdied, l-UE ser tipparteċipa b'mod sħiħ fis-suq globali u ser tifforma ma' oħrajn ir-regoli li jirregolawh. L-Unjoni ma tistax ittella' ħajt biex tevita t-theddid estern. L-irtir mid-dinja jċaħħadna biss mill-opportunitajiet li tippreżenta dinja konnessa. Id-degradazzjoni tal-ambjent u l-iskarsezza tar-riżorsi ma jagħrfux fruntieri, u lanqas l-kriminalità u t-terroriżmu transnazzjonali. L-estern ma jistax jiġi sseparat mill-intern. Fil-fatt, il-politiki interni ta' spiss jittrattaw biss il-konsegwenzi ta' dinamiċi esterni. Aħna ser nittrattaw l-interdipendenza, bl-opportunitajiet, l-isfidi u l-biża kollha li din iġġib magħha, billi nimpenjaw ruħna fil-bqija tad-dinja u flimkien magħha.

Responsabbiltà

F'dinja aktar ikkontestata, l-UE ser tkun iggwidata minn sens qawwi ta' responsabbiltà. M'hemm ebda bakketta maġika biex jissolvew il-kriżijiet: m'hemm ebda riċetta akkurata li timponi soluzzjonijiet bnadi oħra. Madankollu, l-impenn responsabbli jista' jwassal għal bidla pożittiva. Għalhekk, aħna ser naġixxu minnufih biex jiġu evitati l-kunflitti vjolenti, inkunu kapaċi u lesti li nirreaġixxu b'mod responsabbli għalkemm b'mod deċiżiv għall-kriżijiet, niffaċilitaw ftehimiet f'livell lokali, u nimpenjaw ruħna fit-tul. Aħna ser nieħdu r-responsabbiltà fl-Ewropa u r-reġjuni ta' madwarha qabel kollox, filwaqt li nfittxu involviment immirat lil hinn minna. Aħna ser naġixxu b'mod globali sabiex nindirizzaw il-kawżi bażiċi tal-konflitt u l-faqar, u biex insostnu l-indiviżibbiltà u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem.

Sħubija

L-UE ser tkun parti interessata globali responsabbli, iżda r-responsabbiltà għandha tkun kondiviża u tirrikjedi investiment fis-sħubiji tagħna. Il-koresponsabilità ser tkun il-prinċipju tagħna li jmexxina biex navvanzaw ordni globali bbażata fuq ir-regoli. Fit-twettiq tal-għanijiet tagħna, ser nilħqu l-istati, l-korpi reġjonali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Aħna ser naħdmu ma' sħab ewlenin, pajjiżi u raggruppamenti reġjonali li jaħsbuha l-istess. Aħna ser naħdmu flimkien b'mod selettiv ma' atturi li l-kooperazzjoni tagħhom hija meħtieġa biex jitwasslu il-beni pubbliċi globali u jiġu indirizzati l-sfidi komuni. Ser napprofondixxu s-sħubiji tagħna mas-soċjetà ċivili u s-settur privat bħala atturi ewlenin f'dinja konnessa b'netwerks. Aħna ser nagħmlu dan permezz ta' djalogu u appoġġ, iżda wkoll permezz ta' forom aktar innovattivi ta' ingaġġ.

3. IL-PRIJORITAJIET TAL-AZZJONI ESTERNA TAGĦNA

Sabiex nippromovu l-interessi komuni tagħna, filwaqt li naderixxu ma' prinċipji ċari, aħna ser insegwu ħames prijoritajiet ġenerali.

3.1 <u>Is-Sigurtà tal-Unjoni Tagħna</u>

L-Istrateġija Globali tal-UE tibda fil-livell lokali. Matul l-għexieren ta' snin, Unjoni tagħna ippermettiet liċ-ċittadini jgawdu mingħajr preċedent minn sigurtà, demokrazija u prosperità. Aħna ser nibnu fuq dawn il-kisbiet fis-snin li ġejjin. Iżda llum it-terroriżmu, it-theddid ibridu, it-tibdil fil-klima, il-volatilità ekonomika u l-insigurtà tal-enerġija jipperikolaw il-poplu u t-territorju tagħna. Il-politika tal-biża' tisfida l-valuri Ewropej u l-mod ta' għixien Ewropew. Biex nippreservaw u niżviluppaw dak li ksibna s'issa, hija essenzjali bidla fil-pass. Biex niggarantixxu s-sigurtà tagħna, nippromwovu l-prosperità tagħna u nissalvagwardjaw id-demokraziji tagħna, aħna ser insaħħu lilna nfusna fis-sigurtà u d-difiża, f'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Għandna nsarrfu l-impenji tagħna f'assistenza reċiproka u s-solidarjetà f'azzjoni, u nikkontribwixxu aktar għas-sigurtà kollettiva tal-Ewropa permezz ta' ħames linji ta' azzjoni.

Sigurtà u Difiża

Bħala Ewropej, aħna għandna nieħdu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħna. Għandna nkunu lesti u kapaċi li niskoraġġixxu, nirrispondu għal theddid estern u nipproteġu ruħna minnu. Filwaqt li n-NATO teżisti biex tiddefendi l-membri tagħha – li l-maġġoranza tagħhom huma Ewropej – minn attakk estern, l-Ewropej għandhom ikunu mgħammra, imħarrġa u organizzati aħjar biex jikkontribwixxu b'mod deċiżiv għal tali sforzi kollettivi, kif ukoll biex jaġixxu b'mod awtonomu jekk u meta jkun meħtieġ. Livell xieraq ta' ambizzjoni u awtonomija strateġika huwa importanti għall-ħila tal-Ewropa li trawwem il-paċi u tissalvagwardja s-sigurtà fi ħdan il-fruntieri tagħha u lil hinn minnhom.

L-Ewropej għandhom ikunu kapaċi jipproteġu l-Ewropa, jirrispondu għal kriżijiet esterni, u jassistu fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tas-sigurtà u d-difiża tas-sħab tagħna, billi dawn il-kompiti jitwettqu f'kooperazzjoni ma' oħrajn. Flimkien mal-immaniġġar ta' kriżijiet esterni u t-tisħiħ ta' kapaċitajiet, l-UE għandha tkun tista' wkoll tgħin biex tipproteġi l-Membri tagħha fuq talba tagħhom, u tal-istituzzjonijiet tagħha. Dan ifisser li nonoraw l-impenji tagħna lejn l-assistenza reċiproka u s-solidarjetà u jinkludi l-indirizzar tal-isfidi b'dimensjoni kemm interna kif ukoll esterna, bħat-terroriżmu, it-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-enerġija, il-kriminalità organizzata u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Pereżempju, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta Sigurtà u ta’ Difiża Komuni (PSDK) jistgħu jaħdmu flimkien mal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-aġenziji speċjalizzati tal-UE għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima biex jiġu salvati aktar ħajjiet, tiġi miġġielda l-kriminalità transkonfinali u jisfrattaw in-netwerks ta’ faċilitazzjoni ta' 'dħul klandestin.

F'dak li jirrigwarda difiża kollettiva, in-NATO tibqa' l-qafas primarju għall-maġġoranza tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO m'għandhomx jippreġudikaw il-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' dawk il-Membri li mhumiex fin-NATO. Għalhekk l-UE ser tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Alleanza tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'komplementarjetà, sinerġija, u b'osservanza sħiħa għall-qafas istituzzjonali, l-inklussività u l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tat-tnejn. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li l-UE tissaħħaħ bħala komunità ta' sigurtà: L-isforzi ta' sigurtà u difiża Ewropej għandhom jippermettu lill-UE biex taġixxi b'mod awtonomu filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għan-NATO u tieħu azzjoni f'kooperazzjoni magħha. Difiża Ewropea aktar kredibbli hija essenzjali wkoll għal raġunijiet ta' sħubija transatlantika b'saħħitha mal-Istati Uniti.

L-Istati Membri jeħtieġu l-mezzi teknoloġiċi u industrijali biex jiksbu u jżommu dawk il-kapaċitajiet li jirfdu l-kapaċità tagħhom li jaġixxu b'mod awtonomu. Filwaqt li l-politika tad-difiża u n-nefqa fuq id-difiża għadhom prerogattivi nazzjonali, l-ebda Stat Membru ma jiflaħ jagħmel dan waħdu: dan jitlob li jkun hemm sforz konċertat u kooperattiv. Kooperazzjoni approfondita fil-qasam tad-difiża tiġġenera interoperabbiltà, effettività, effiċjenza u fiduċja: dan ikabbar il-prodott tan-nefqa fuq id-difiża. L-iżvilupp u ż-żamma tal-kapaċitajiet ta' difiża jirrikjedi kemm investimenti kif ukoll ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi nazzjonali permezz ta' kooperazzjoni aktar profonda.

L-UE ser tassisti lill-Istati Membri u żżid il-kontribut tagħha għas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa f'konformità mat-Trattati. Is-sinkronizzazzjoni progressiva u l-adattament reċiproku taċ-ċikli tal-ippjanar tad-difiża nazzjonali u l-prattiki tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet jistgħu jsaħħu l-konverġenza strateġika bejn l-Istati Membri. Il-fondi tal-Unjoni li jappoġġaw ir-riċerka u t-teknoloġiji tad-difiża u l-kooperazzjoni multinazzjonali, u l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża huma prerekwiżiti essenzjali għall-isforzi ta' sigurtà u ta' difiża Ewropej mirfuda minn industrija b'saħħitha tad-Difiża Ewropea.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

Attakki terroristiċi kbar seħħew kemm fuq art Ewropea kif ukoll lil hinn minnha. Huwa importanti ħafna li jkun hemm aktar investiment u solidarjetà fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Għaldaqstant aħna nħeġġu aktar kondiviżjoni u kooperazzjoni fl-intelligence bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE. Dan jinvolvi l-kondiviżjoni tat-twissijiet ta' estremiżmu vjolenti, ta' netwerks terroristiċi u ta' ġellieda terroristiċi barranin, kif ukoll is-sorveljanza u t-tneħħija ta' materjal illeċitu mill-media. Sadanittant, l-UE ser tappoġġa lill-Istati Membri jirkupraw fi żmien qasir f'każ ta' attakki permezz ta' iżjed sforzi fuq is-sigurtà tal-provvista, il-ħarsien ta' infrastruttura kritika, u t-tisħiħ tal-qafas volontarju tal-maniġġar ta' kriżijiet ċibernetiċi. Ser nintensifikaw il-ħidma fuq l-edukazzjoni, il-komunikazzjoni, il-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport sabiex niġġieldu l-estremiżmu estrem. Ser naħdmu kontra r-radikalizzazzjoni billi nwessgħu s-sħubiji tagħna mas-soċjetà ċivili, l-atturi soċjali, is-settur privat u l-vittmi tat-terroriżmu, kif ukoll permezz tad-djalogu bejn twemmin differenti u d-djalogu interkulturali. L-aktar ħaġa importanti hija li l-UE ser tattwa l-valuri li tħaddan, kemm internament kif ukoll esternament: dan hu l-aqwa antidotu li għandna kontra l-estremiżmu vjolenti. Ser inkomplu niżviluppaw il-kooperazzjoni kontra t-terroriżmu, li hija konformi mad-drittijiet tal-bniedem, mal-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani, il-Balkani tal-Punent u t-Turkija, fost oħrajn, u naħdmu ma' sħab minn madwar id-dinja fl-iskambju tal-aħjar prattiki u għall-iżvilupp ta' programmi konġunti dwar il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni.

Ċibersigurtà

L-UE ser iżżid l-attenzjoni tagħha fuq iċ-ċibersigurtà, b'tagħmir lill-UE u lill-Istati Membri biex jipproteġu lilhom infushom mit-theddid ċibernetiku waqt li jinżamm spazju ċibernetiku miftuħ, ħieles u sikur. Dan jinvolvi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi mmirati lejn it-tnaqqis tat-theddid u lejn ir-reżiljenza ta' infrastrutturi, netwerks u servizzi kritiċi, u t-tnaqqis taċ-ċiberkriminalità. Dan ifisser it-trawwim ta' sistemi ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) li jiggarantixxu d-disponibbiltà u l-integrità tad-data, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà fl-ispazju diġitali Ewropew permezz ta' politiki xierqa dwar fejn tinħażen id-data u ċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti u servizzi diġitali. Dan jeħtieġ li l-kwistjonijiet ċibernetiċi jintisġu fl-oqsma kollha ta' politika, li l-elementi ċibernetiċi tal-missjonijiet PSDK jissaħħu, u li l-pjattaformi għall-kooperazzjoni jiżviluppaw aktar. L-UE ser tappoġġa l-kooperazzjoni ċibernetika teknika, operattiva u politika bejn l-Istati Membri, speċjalment dwar l-analiżi u l-maniġġar tal-konsegwenzi, u ser trawwem valutazzjonijiet kondiviżi bejn l-istrutturi tal-UE u l-istituzzjonijiet rilevanti fl-Istati Membri. Hija ser issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha fis-sigurtà ċibernetika mal-imsieħba ewlenin bħall-Istati Uniti u n-NATO. Ir-rispons tal-UE ser ikun ukoll inkorporat fi sħubiji pubbliċi-privati b'saħħithom. Il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, is-settur privat u s-soċjetà ċivili jistgħu jrawmu kultura ta' sigurtà ċibernetika komuni, u jżidu l-istat ta' tħejjija għal tħarbit u attakki ċibernetiċi possibbli.

Sigurtà tal-Enerġija

L-Unjoni tal-Enerġija tirrappreżenta l-isforz integrat għall-ħidma fid-dimensjonijiet interni u esterni tas-sigurtà tal-enerġija Ewropea. F'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, l-UE ser tfittex li tiddiversifika s-sorsi, ir-rotot u l-fornituri tal-enerġija tagħha, speċjalment fil-qasam tal-gass, kif ukoll biex tippromwovi l-ogħla standards ta' sigurtà nukleari f'pajjiżi terzi. Permezz tad-diplomazija tal-enerġija tagħna, ser insaħħu r-relazzjonijiet tagħna madwar id-dinja ma' pajjiżi affidabbli produtturi jew ta' tranżitu għall-enerġija, u ser nappoġġaw l-istabbiliment ta' infrastruttura li tippermetti li sorsi diversifikati jaslu fis-swieq Ewropej. Madankollu, ftehimiet vinkolanti dwar l-infrastruttura ma' pajjiżi terzi jista' jkollhom impatt differenzjat fuq is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni jew ifixklu l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija. Għalhekk, ftehimiet bħal dawn iridu jkunu trasparenti u kwalunkwe infrastruttura ġdida trid tkun kompletament konformi mad-dritt tal-UE applikabbli, inkluż it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. Internament, l-UE ser taħdem fuq suq intern li jiffunzjona kompletament, b'enfasi fuq l-enerġija sostenibbli u l-effiċjenza tal-enerġija, u b'mod koerenti ser tiżviluppa fluss fid-direzzjoni opposta, interkonnettività, u infrastruttura għall-ħżin tal-gass naturali likwifikat (LNG).

Komunikazzjonijiet strateġiċi

L-UE ser issaħħaħ il-komunikazzjonijiet strateġiċi tagħha, billi tinvesti fid-diplomazija pubblika u tgħaqqad l-oqsma differenti tagħha, sabiex tqarreb il-politika barranija tal-UE lejn iċ-ċittadini u tikkomunikaha aħjar mas-sħab tagħna. Ser intejbu l-konsistenza u l-veloċità tal-wasla tal-messaġġi dwar il-prinċipji u l-azzjonijiet tagħna. Ser noffru wkoll tweġibiet fattwali f'waqthom li jirribattu informazzjoni żbaljata. Ser inkomplu nrawmu ambjent ta' media miftuħ u għarriex fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, anke b'ħidma ma' atturi lokali u permezz tal-media soċjali.

3.2 Reżiljenza tal-Istat u s-Soċjetà fil-Lvant u n-Nofsinhar tagħna

Huwa fl-interess taċ-ċittadini tagħna li ninvestu fir-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet fil-Lvant li jilħqu fl-Asja Ċentrali, u lejn in-Nofsinhar sal-Afrika Ċentrali. Il-fraġilità lil hinn mill-fruntieri tagħna thedded l-interessi vitali kollha tagħna. Għall-kuntrarju, ir-reżiljenza – il-kapaċità tal-istati u tas-soċjetajiet li jirriformaw, biex b'hekk jifilħu għall-kriżijiet interni u esterni u jirpiljaw minnhom – hija ta' ġid għalina u għall-pajjiżi fir-reġjuni ta' madwarna, billi tiżra' ż-żerriegħa tat-tkabbir sostenibbli u ta' soċjetajiet ħajjin. Għalhekk, flimkien mas-sħab tagħha, l-UE ser tippromwovi r-reżiljenza fir-reġjuni ta' madwarha. Stat reżiljenti huwa stat sigur, u s-sigurtà hija fundamentali għall-prosperità u d-demokrazija. Madankollu l-maqlub ta' dan huwa veru wkoll. Sabiex niżguraw is-sigurtà sostenibbli, mhux ser nappoġġaw biss l-istituzzjonijiet statali. B'rifless tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, ir-reżiljenza hija kunċett usa' li jinkludi l-individwi kollha u s-soċjetà fl-intier tagħha. Soċjetà reżiljenti kkaratterizzata mid-demokrazija, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet, u l-iżvilupp sostenibbli tinsab fil-qalba ta' stat reżiljenti.

Politika ta' Tkabbir

Kwalunkwe stat Ewropew li jirrispetta u jippromwovi l-valuri minquxa fit-Trattati tagħna jista' japplika li jsir Membru tal-Unjoni. Politika ta' tkabbir kredibbli msejsa fuq kondizzjonalità stretta u ġusta hija għodda indispensabbli għat-tisħiħ tar-reżiljenza fil-pajjiżi konċernati, u tiżgura li l-immodernizzar u d-demokratizzazzjoni jipproċedu skont il-kriterji ta' adeżjoni. Politika kredibbli tat-tkabbir tirrappreżenta investiment strateġiku fis-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa, u diġà tat kontribut enormi lill-paċi f'żoni li qabel kienu mifnija bil-gwerra.

Fl-ambitu tal-politika attwali tat-tkabbir, l-isfidi tal-migrazzjoni, is-sigurtà tal-enerġija, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata huma komuni għall-UE, il-Balkani tal-Punent u t-Turkija. Jistgħu biss jiġu indirizzati flimkien. Iżda r-reżiljenza ta' dawn il-pajjiżi ma tistax tittieħed bħala fatta. L-UE tgawdi influwenza unika f'dawn il-pajjiżi kollha. Għaldaqstant, l-isfida strateġika għall-UE hija dik li tippromwovi r-riforma politika, l-istat tad-dritt, il-konverġenza ekonomika u r-relazzjonijiet tajba mal-pajjiżi ġirien fil-Balkani tal-Punent u t-Turkija, waqt li b'mod koerenti tkompli tikkoopera f'setturi differenti.

Il-politika tal-UE lejn il-pajjiżi kandidati ser tibqa' msejsa fuq proċess ta' adeżjoni ċar, strett u ġust. Ser tiffoka l-ewwel fuq ir-rekwiżiti fundamentali għas-sħubija u ser tkun ikkaratterizzata minn skrutinju akbar tar-riformi, rekwiżiti aktar ċari għal riforma, u reazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, kif ukoll is-soċjetajiet ċivili lokali. Fl-istess ħin, l-appoġġ u l-kooperazzjoni tal-UE ma' dawn il-pajjiżi għandu jwassal għal ġid konkret illum, u għandu jkun ikkomunikat tajjeb. Dan ifisser il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-riforma fis-settur tas-sigurtà, il-migrazzjoni, l-infrastruttura, l-enerġija u l-klima, it-tisħiħ tal-kuntatti bejn in-nies, u t-tfassil mill-ġdid ta' ċerta għajnuna tal-UE bil-għan li l-benessri taċ-ċittadini jitjieb b'mod viżibbli.

Il-Ġirien Tagħna

Ir-reżiljenza tal-Istat u tas-soċjetà hija l-prijorità strateġika tagħna fil-viċinat. Huma ħafna dawk fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), kemm fil-Lvant kif ukoll fin-Nofsinhar, li jixtiequ jibnu relazzjonijiet eqreb mal-Unjoni. Il-ġibda qawwija li għandhom għalina tista' tixpruna l-bidla u mhix immirata kontra xi pajjiż. Fi ħdan dan il-grupp hemm pajjiżi bħat-Tuneżija u l-Georgia, li s-suċċess tagħhom bħala demokraziji stabbli fil-prosperità u l-paċi għandu jidwi mar-reġjuni rispettivi tagħhom. Il-PEV ħa impenn mill-ġdid mal-Isħubija tal-Lvant u l-pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Mediterran li jixtiequ jiżviluppaw relazzjonijiet aktar b'saħħithom magħna. Ser nappoġġaw lil dawn il-pajjiżi fl-implimentazzjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA). Ser naħsbu wkoll b'mod kreattiv dwar aktar approfondiment ta' sħubiji mfassla apposta. Il-possibbiltajiet jinkludu l-ħolqien ta' żoni ekonomiċi mal-pajjiżi li qed jimplimentaw DCFTA, l-estensjoni tan-Netwerks Trans-Ewropej u l-Komunità tal-Enerġija, kif ukoll bil-bini ta' rabtiet fiżiċi u diġitali. Ir-rabtiet bejn is-soċjetajiet ser jissaħħu wkoll permezz ta' mobbiltà msaħħa, skambji kulturali u edukattivi, kooperazzjoni fir-riċerka u pjattaformi għas-soċjetà ċivili. Ser nimxu fuq is-sehem sħiħ fil-programmi u l-aġenziji tal-UE flimkien ma' djalogu strateġiku bil-ħsieb li titwitta t-triq għal aktar involviment ta' dawn il-pajjiżi fil-PSDK.

Ir-reżiljenza hija prijorità strateġika madwar il-Lvant u n-Nofsinhar tal-UE kemm fil-pajjiżi li jridu rabtiet aktar b'saħħithom mal-UE kif ukoll f'dawk – fi ħdan il-PEV jew lil hinn minnu – li ma jixtiquhomx. L-UE ser tappoġġa toroq differenti li jwasslu għar-reżiljenza fil-Lvant u fin-Nofsinhar tagħha, b'attenzjoni fuq l-aktar dimensjonijiet akuti ta' fraġilità u bil-mira fuq dawk fejn nistgħu nagħmlu differenza sinifikanti.

Reżiljenza fir-Reġjuni ta' Madwarna

L-UE ser timxi fuq approċċ multidimensjonali għal reżiljenza fir-reġjuni ta' madwarha. Filwaqt li fuq żmien twil stati ripressivi huma minnhom infushom fraġli, hemm ħafna metodi kif jinbnew soċjetajiet siguri, prosperi u inklużivi. Għalhekk ser nimxu fuq politiki mfassla apposta li jappoġġaw governanza inklużiva u responsabbli, li huma vitali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem. Ir-ripressjoni toħnoq kull żvog għall-iskuntentizza u temarġina l-komunitajiet. Għalhekk l-UE ser tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem permezz ta' djalogu u appoġġ, inkluż fl-aktar każijiet diffiċli. Permezz ta' involviment fit-tul, mhux ser nieqfu nfittxu li mmexxu 'l quddiem il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Ser nimxu fuq approċċi f'livell lokali msejsa fuq id-drittijiet sabiex issir riforma fl-oqsma tal-ġustizzja, is-sigurtà u d-difiża, u jingħata appoġġ lil stati fraġli bil-bini tal-kapaċitajiet, inkluż dawk ċibernetiċi. Ser naħdmu permezz tal-iżvilupp, id-diplomazija, u l-PSDK, u niżguraw li l-isforzi tagħna għar-riforma fis-settur tas-sigurtà jippermettu u jsaħħu l-kapaċitajiet tas-sħab tagħna biex jipprovdu s-sigurtà skont l-istat tad-dritt. Ser nikkooperaw ma' atturi oħra internazzjonali, u nikkoordinaw il-ħidma tagħna dwar il-bini tal-kapaċità man-NU u n-NATO b'mod partikolari.

L-Istati huma reżiljenti meta s-soċjetajiet iħossu li qed jistagħnew u għandhom tama għall-ġejjieni. B'rifless tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-UE ser tadotta approċċ magħqud għall-politiki tagħha umanitarji, tal-iżvilupp, il-migrazzjoni, il-kummerċ, l-investiment, l-infrastruttura, l-edukazzjoni, is-saħħa u r-riċerka, kif ukoll ittejjeb il-koerenza orizzontali bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha. Ser niġġieldu l-faqar u l-inugwaljanza, nifthu aktar l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u s-sigurtà soċjali, u nagħtu sostenn qawwi lill-opportunitajiet ta' xogħol deċenti, speċjalment għan-nisa u ż-żgħażagħ. Ser inrawmu ambjent li jippermetti sforzi ekonomiċi ġodda, l-impjieg u l-inklużjoni ta' gruppi marġinalizzati. Il-fondi għall-iżvilupp għandhom ikunu katalisti għall-investimenti strateġiċi permezz ta' sħubiji pubbliċi-privati, bit-tmexxija 'l quddiem tat-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, u t-trasferimenti ta' ħiliet u teknoloġiji. Ser nużaw il-ftehimiet kummerċjali tagħna biex insostnu l-iżvilupp sostenibbli, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza bbażata fuq ir-regoli.

Ir-reżiljenza tas-soċjetà ser tissaħħaħ b'relazzjonijiet approfonditi mas-soċjetà ċivili, speċjalment fl-isforzi tagħha li żżomm responsabbli lill-gvernijiet. Ser nilħqu aktar organizzazzjonijiet kulturali, komunitajiet reliġjużi, sħab soċjali u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u nsemmgħu leħinna kontra t-tiċkin tal-ispazju għas-soċjetà ċivili inkluż minħabba l-ksur tad-drittijiet tal-kelma u ta' assoċjazzjoni. Il-bidla pożittiva tista' ssir biss lokalment, u tista' tieħu s-snin sakemm isseħħ. Għalhekk, l-impenn tagħna lejn is-soċjetà ċivili ser ikun għal żmien twil. Ser inrabbu wkoll reżiljenza tas-soċjetà bl-approfondiment tal-ħidma dwar l-edukazzjoni, il-kultura u ż-żgħażagħ u ser inrawmu l-pluraliżmu, il-koeżistenza u r-rispett.

Finalment, l-UE ser tfittex li ssaħħaħ ir-reżiljenza enerġetika u ambjentali. It-transizzjoni tal-enerġija hija waħda mill-isfidi ewlenin fir-reġjuni madwarna, u trid tkun ġestita kif jixraq biex tiġi evitata ż-żieda fit-tensjonijiet soċjali. It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jżidu l-possibbiltà ta' kunflitt, minħabba l-impatt tagħhom fuq id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, u l-iskarsezza tal-ilma u l-ikel. Bħall-isforzi għar-riforma fis-settur tas-sigurtà, il-politiki għar-riforma fis-setturi tal-enerġija u l-ambjent jistgħu jgħinu lill-pajjiżi sħab fit-triq lejn it-transizzjoni tal-enerġija u l-azzjoni klimatika. Permezz ta' sforzi bħal dawn, ser inħeġġu l-liberalizzazzjoni tal-enerġija, l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, regolamentazzjoni u trasferimenti teknoloġiċi aħjar, flimkien mat-tnaqqis fit-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Ser nappoġġaw ukoll lill-gvernijiet biex ifasslu reazzjonijiet għall-produzzjoni tal-ikel u l-użu tal-ilma u l-enerġija permezz tal-iżvilupp, id-diplomazija u l-kooperazzjoni xjentifika.

Politika dwar il-migrazzjoni aktar effettiva

Fil-ħidma tagħna fuq ir-reżiljenza ser issir enfasi fuq il-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migranti u r-refuġjati. Ser inżidu b'mod sinifikanti l-isforzi umanitarji tagħna f'dawn il-pajjiżi, filwaqt li niffokaw fuq l-edukazzjoni, in-nisa u t-tfal. Flimkien mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, ser niżviluppaw approċċi komuni u mfassla apposta lejn il-migrazzjoni kkaratterizzati mill-iżvilupp, id-diplomazija, il-mobbiltà, il-migrazzjoni legali, il-ġestjoni tal-fruntieri, ir-riammissjoni u r-ritorn. Permezz tal-iżvilupp, il-fondi fiduċjarji, id-diplomazija preventiva u l-medjazzjoni ser naħdmu mal-pajjiżi ta' oriġini biex nindirizzaw u nipprevjenu l-għeruq ta' dak li jikkawża l-ispostament, niġġestixxu l-migrazzjoni, u niġġieldu kontra l-kriminalità transfruntiera. Ser nappoġġaw ukoll lill-pajjiżi ta' tranżitu billi ntejbu l-kapaċitajiet ta' akkoljenza u ta' asil, u billi naħdmu fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-migranti u l-opportunitajiet biex dawn jaqilgħu l-għajxien. Irridu nwaqqfu l-flussi irregolari billi nagħmlu r-ritorn aktar effettiv kif ukoll billi niżguraw mezzi regolari għall-mobbiltà tal-bniedem. Dan ifisser li ntejbu u nimplimentaw il-mezzi legali u ċirkolari eżistenti għall-migrazzjoni. Dan ifisser ukoll li naħdmu fuq sistema Ewropea komuni tal-asil li tkun aktar effettiva u li tippromwovi d-dritt li persuna tfittex asil billi niżguraw il-wasla sikura, regolata u legali ta' refuġjati li jfittxu protezzjoni internazzjonali fl-UE. Fl-istess ħin, ser naħdmu mas-sħab internazzjonali tagħna biex niżguraw responsabbiltà dinjija kondiviża u solidarjetà. Ser nistabbilixxu sħubijiet aktar effettivi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni mal-aġenziji tan-NU, l-atturi emerġenti, l-organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali.

3.3 Approċċ Integrat lejn il-Konflitti u l-Kriżijiet

Qegħdin nosservaw dejjem aktar Stati fraġli li jitkissru f'konflitt vjolenti. Dawn il-kriżijiet, u l-vjolenza u t-tbatija tal-bniedem li jibqgħu misturin u li huma kkawżati mill-istess kriżijiet, huma ta' theddida għall-interessi kondiviżi vitali tagħna. L-UE ser tinvolvi ruħha fil-konsolidazzjoni tal-paċi b'mod prattiku u abbażi ta' prinċipji, filwaqt li ser tikkonċentra l-isforzi tagħna fir-reġjuni tal-madwar fil-Punent u fin-Nofsinhar, filwaqt li ser tikkunsidra aktar involviment fuq il-post skont il-każ. L-UE ser trawwem is-sigurtà tal-bniedem permezz ta' approċċ integrat.

Dawn il-konflitti kollha għandhom diversi dimensjonijiet – mis-sigurtà għas-sessi, mill-governanza għall-ekonomija. Huwa essenzjali li nimplimentaw approċċ *b'diversi dimensjonijiet* bl-użu tal-politiki u l-istrumenti kollha mmirati lejn il-prevenzjoni, il-ġestjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti. Iżda l-ambitu tal-'approċċ komprensiv' ser ikompli jiġi estiż. M'hemm ebda soluzzjoni rapida għal xi wieħed minn dawn il-konflitti. L-esperjenza fis-Somalja, il-Mali, l-Afganistan u f'postijiet oħra tenfasizza n-natura fit-tul tagħhom. Għalhekk l-UE ser issegwi approċċ *b'diversi fażijiet*, filwaqt li taġixxi fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-konflitt. Ser ninvestu fil-prevenzjoni, is-soluzzjoni u l-istabbilizzazzjoni, u nevitaw id-diżimpenn prematur meta tfeġġ kriżi ġdida x'imkien ieħor. Għalhekk, l-UE ser tkompli timpenja ruħha fis-soluzzjoni ta' konflitti fit-tul fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Ebda wieħed minn dawn il-konflitti ma jissolva f'livell wieħed ta' governanza. Konflitti bħal dawk fis-Sirja u fil-Libja spiss ifeġġu f'livell lokali, iżda hija l-kopertura nazzjonali, reġjonali u dinjija li jiksbu li tagħmilhom daqshekk kumplessi. Għalhekk, l-UE ser issegwi approċċ *b'diversi livelli* għall-konflitti filwaqt li taġixxi fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u dinji. Fl-aħħar mill-aħħar, ebda wieħed minn dawn il-konflitti ma jista' jissolva mill-UE waħidha. Ser insegwu approċċ *multilaterali* li jinvolvi dawk l-atturi kollha preżenti f'konflitt u li huma meħtieġa sabiex dan jissolva. Ser inkunu sħab fuq il-post b'mod aktar sistematiku mal-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, id-donaturi bilaterali u s-soċjetà ċivili. Ser infittxu wkoll aktar kooperazzjoni fil-livell reġjonali u internazzjonali. Il-paċi sostenibbli tista' tinkiseb biss permezz ta' ftehimiet komprensivi bbażati fuq sħubijiet wiesgħa, profondi u dejjiema reġjonali u internazzjonali.

Paċi preventiva

Ilu magħruf li l-prevenzjoni tal-konflitti hija aktar effiċjenti u effettiva minn impenn fir-rigward ta' kriżijiet wara li dawn ifeġġu. Ladarba jfeġġ konflitt, normalment aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar isir diffiċli. L-UE għandha storja twil ta' konsolidazzjoni tal-paċi u d-diplomazija preventivi. Għalhekk, ser nirduppjaw l-isforzi tagħna fil-prevenzjoni, fil-monitoraġġ ta' dak li jwassal għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-inugwaljanza, l-enfasi fuq ir-riżorsi u t-tibdil fil-klima – li huwa multiplikatur tat-theddida li jikkatalizza l-iskarsezza tal-ilma u l-ikel, il-pandemiji u l-ispostament.

It-twissija bikrija ftit li xejn hija utli sakemm ma tkunx segwita minn azzjoni bikrija. Dan jimplika rappurtar u proposti regolari lill-Kunsill, l-involviment f'diplomazija u medjazzjoni preventivi permezz tal-mobilizzazzjoni tad-Delegazzjonijiet u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, u l-approfondiment ta' sħubijiet mas-soċjetà ċivili. Irridu niżviluppaw kultura politika li naġixxu aktar malajr b'reazzjoni għar-riskju ta' konflitt vjolenti.

Sigurtà u Stabbilizzazzjoni

L-UE ser timpenja ruħha b'mod aktar sistematiku fid-dimensjoni ta' sigurtà ta' dawn il-konflitti. F'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, is-sigurtà u d-difiża Ewropej iridu jkunu attrezzati aħjar biex tinbena l-paċi, tiġi ggarantita s-sigurtà u titħares il-ħajja tal-bniedem, b'mod partikolari tal-persuni ċivili. L-UE trid tkun kapaċi tirreaġixxi b'mod rapidu, responsabbli u deċiżiv għall-kriżijiet, speċjalment biex tgħin fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Hija trid tkun kapaċi tipprovdi sigurtà meta jintlaħqu ftehimiet ta' paċi u jiġu stabbiliti jew jitfasslu gvernijiet ta' transizzjoni. Meta ma jkunx hemm dawn, l-UE għandha tkun lesta tipprovdi appoġġ u tgħin fil-konsolidazzjoni tal-waqfien mill-ġlied lokali, filwaqt li twitti t-triq għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Fl-istess ħin, bl-użu koerenti ta' politiki interni u esterni, l-UE trid tiġġieled l-effett kollaterali tal-insigurtà li jista' jirriżulta minn dawn il-konflitti, li jvarja mit-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin għat-terroriżmu.

Meta jkun kemm il-prospett ta' stabbilizzazzjoni, l-Unjoni trid tippermetti li l-istituzzjonijiet leġittimi jagħtu servizzi bażiċi b'mod rapidu u jipprovdu sigurtà lill-popolazzjonijiet lokali, filwaqt li jnaqqsu r-riskju li jerġa' jkun hemm il-vjolenza u jippermettu r-ritorn ta' persuni spostati. Għalhekk ser infittxu li nnaqqsu d-differenzi fir-reazzjoni tagħna bejn it-tmiem tal-vjolenza u l-irkupru fit-tul, u niżviluppaw in-natura doppja – sigurtà u żvilupp – tal-impenn tagħna.

Soluzzjoni tal-Konflitt

Ser ikun jeħtieġ li kull pajjiż fil-konflitt jerġa' jibni l-kuntratt soċjali tiegħu bejn l-istat u ċ-ċittadini tiegħu. L-Unjoni ser tappoġġa tali sforzi, filwaqt li trawwem governanza inklużiva fil-livelli kollha. Meta ċ-"ċentru" jitkisser, azzjoni li tkun minn fuq għal isfel biss ikollha impatt limitat. Soluzzjoni politika inklużiva tirrikjedi azzjoni fil-livelli kollha. Permezz tal-PSDK, l-iżvilupp, u strumenti finanzjarji ddedikati, aħna ser ngħaqqdu l-isforzi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq filwaqt li nwittu l-pedament għal status ta' stat sostenibbli bbażat fuq inizjattiva lokali. Il-ħidma fil-livell lokali – pereżempju mal-awtoritajiet u l-muniċipalitajiet lokali – tista' tgħin biex jingħataw servizzi bażiċi liċ-ċittadini, u tagħti lok għal impenn aktar profond ma' soċjetà ċivili stabbli. Il-ħidma f'din id-direzzjoni ser ittejjeb ukoll l-għarfien lokali tagħna, filwaqt li tgħinna niddistingwu bejn dawk il-gruppi li ser nitkellmu magħhom mingħajr ma nappoġġawhom, u dawk li ser nappoġġaw b'mod attiv bħala l-promoturi tas-sigurtà tal-bniedem u r-rikonċiljazzjoni.

L-UE ser trawwem ukoll governanza inklużiva fil-livelli kollha permezz tal-medjazzjoni u l-faċilitazzjoni. Fl-istess ħin, ser niżviluppaw approċċi aktar kreattivi lejn id-diplomazija. Dan ifisser ukoll li nippromwovu r-rwol tan-nisa fl-isforzi għall-paċi – mill-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà għat-titjib tal-bilanċ intern tal-UE bejn l-irġiel u n-nisa. Dan jinkludi li jkun hemm rikors aktar sistematiku għad-diplomazija kulturali, xjentifika, ekonomika u bejn ir-reliġjonijiet f'ambjent ta' konflitt.

Ekonomija Politika tal-Paċi

L-UE ser trawwem l-ispazju li fih l-ekonomija leġittima tista' trabbi l-għeruq u tiġi konsolidata. Fi żmien ta' konflitt vjolenti, dan ifisser li jiġi żgurat l-aċċess għall-għajnuna umanitarja sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti prodotti u servizzi bażiċi. Dan ifisser ukoll li naħdmu biex inkissru l-ekonomija politika tal-gwerra u noħolqu possibbiltajiet biex ikun hemm għajxien leġittimu. Dan jitlob sinerġiji akbar bejn l-għajnuna umanitarja u dik għall-iżvilupp, filwaqt li nwasslu l-appoġġ tagħna biex jiġu pprovduti kura tas-saħħa, edukazzjoni, protezzjoni, prodotti bażiċi u impjiegi leġittimi. Meta jkun hemm prospetti ta' stabbilizzazzjoni, kummerċ u żvilupp – il-ħidma f'sinerġija – tista' ssaħħaħ il-konsolidazzjoni tal-paċi fit-tul.

Miżuri restrittivi, flimkien mad-diplomazija, huma għodod ewlenin li jwasslu għal bidla paċifika. Dawn jistgħu jaqdu rwol kruċjali fid-deterrenza, il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti. Sanzjonijiet intelliġenti, f'konformità mad-dritt internazzjonali u tal-UE, ser jiġu kkalibrati u ssorveljati bir-reqqa biex jappoġġaw l-ekonomija leġittima u tiġi evitata l-ħsara lis-soċjetajiet lokali. Sabiex tiġġieled l-ekonomija tal-gwerra kriminali, l-UE trid timmodernizza wkoll il-politika tagħha tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-oġġetti b'użu doppju, u tiġġieled it-traffikar illegali ta' oġġetti kulturali u r-riżorsi naturali.

3.4 Ordnijiet Reġjonali ta' Kooperazzjoni

F'dinja maqbuda bejn pressjonijiet globali u respinġiment lokali, id-dinamiċi reġjonali jsiru prominenti. Bħala nisġa kumplessa ta' poter, interazzjoni u identità, ir-reġjuni jirrappreżentaw spazji kritiċi ta' governanza f'dinja deċentrata. Forom volontarji ta' governanza reġjonali joffru lill-istati u l-popli l-opportunità għal ġestjoni aħjar ta' tħassib rigward sigurtà, jiġu sfruttati l-kisbiet ekonomiċi tal-globalizzazzjoni, jesprimu b'mod aktar sħiħ il-kulturi u l-identitajiet, u jipproġettaw l-influwenza fl-affarijiet dinjija. Dan huwa raġunament fundamentali għall-iżvilupp u l-paċi tal-UE stess fis-seklu 21. Din hija r-raġuni għala ser nippromwovu u nappoġġaw ordnijiet reġjonali ta' kooperazzjoni fid-dinja kollha, inkluż fl-aktar żoni mifrudin. Ordnijiet reġjonali ma jiħdux forma waħda. Meta jkun possibbli u skont l-interessi tagħna, l-UE ser tappoġġa organizzazzjonijiet reġjonali. M'aħniex ser nistinkaw biex nesportaw il-mudell tagħna, iżda minflok ser infittxu ispirazzjoni reċiproka minn esperjenzi reġjonali differenti. Ordnijiet reġjonali ta' kooperazzjoni, madankollu, ma jinħolqux biss minn organizzazzjonijiet. Dawn jinkludu taħlita ta' relazzjonijiet bilaterali, subreġjonali, reġjonali u interreġjonali. Huma kkaratterizzati wkoll mir-rwol tal-atturi dinjija interkonness mal-isforzi ta' kooperazzjoni li jappartjenu għar-reġjuni. Flimkien dawn jistgħu jindirizzaw il-konflitti, l-isfidi u l-opportunitajiet transnazzjonali. F'reġjuni differenti tad-dinja, l-UE ser tiġi xprunata minn għanijiet speċifiċi. Fir-reġjuni kollha, ser ninvestu f'relazzjonijiet ta' kooperazzjoni biex ninkoraġġixxu responsabbiltà kondiviża dinjija.

Ordni Ewropew ta' Sigurtà

Is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-istati, l-invjolabbiltà tal-fruntieri u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim huma elementi ewlenin tal-ordni Ewropew ta' sigurtà. Dawn il-prinċipji japplikaw għall-istati kollha, kemm fl-UE stess kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha.

Madankollu, il-paċi u l-istabbiltà fl-Ewropa ma għadhomx awtomatiċi. Il-ksur tad-dritt internazzjonali u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna kkawżati mir-Russja, flimkien mal-konflitti fit-tul fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed inġenerali, kien ta' sfida għall-ordni Ewropew ta' sigurtà fil-qalba tiegħu. L-UE ser tibqa' magħquda fil-promozzjoni tad-dritt internazzjonali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni u d-dritt ta' kull pajjiż li jagħżel il-futur tiegħu b'mod liberu.

Il-ġestjoni tar-relazzjoni mar-Russja hija sfida strateġika ewlenija. Approċċ koerenti u unit għandu jibqa' l-pedament tal-politika tal-UE fil-konfront tar-Russja. Bidliet sostanzjali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja huma msejsa fuq ir-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji li jirfdu l-ordni Ewropew ta' sigurtà, inkluż l-Att Finali ta' Ħelsinki u l-Karta ta' Pariġi. M'aħniex ser nirrikonoxxu l-annessjoni illegali Russa tal-Krimea u lanqas m'aħna ser naċċettaw id-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. Ser insaħħu l-UE, inżidu r-reżiljenza tal-ġirien tal-Lvant tagħna, u ser nippromwovu d-dritt tagħhom li jiddeċiedu b'mod liberu l-approċċ tagħhom lejn l-UE. Fl-istess ħin, l-UE u r-Russja huma interdipendenti. Għalhekk ser nimpenjaw ruħna mar-Russja biex niddiskutu n-nuqqas ta' qbil u nikkooperaw jekk u meta l-interessi tagħna jkunu sovraposti. Minbarra dawk il-kwistjonijiet tal-politika barranija li qed nikkooperaw fihom attwalment, jista' jittieħed impenn selettiv rigward materji ta' interess Ewropew ukoll, inkluż il-klima l-Artiku, is-sigurtà marittima, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-kooperazzjoni transfruntiera. L-impenn għandu jinkludi wkoll rabtiet aktar profondi tas-soċjetà permezz ta' vvjaġġar iffaċilitat għall-istudenti, is-soċjetà ċivili u n-negozju.

L-UE ser trawwem kooperazzjoni fir-reġjun kollu mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. L-OSKE, bħala organizzazzjoni mifruxa mal-Ewropa kollha li testendi għall-Asja Ċentrali b'konnessjoni transatlantika, tinsab fil-qalba tal-ordni Ewropew ta' sigurtà. L-UE ser issaħħaħ il-kontribut tagħha kif ukoll il-kooperazzjoni tagħha mal-OSKE bħala pilastru tas-sigurtà Ewropea.

Futur paċifiku u prosperu għall-Mediterran, il-Lvant Nofsani u l-Afrika

Il-Mediterran, il-Lvant Nofsani u partijiet tal-Afrika sub-Saħarjana għaddejjin minn taqlib, li r-riżultat tiegħu x'aktarx li ser ikun ċar biss wara deċennji ta' snin minn issa. Is-soluzzjoni ta' konflitti u l-promozzjoni tal-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem fin-Nofsinhar huma essenzjali biex jiġu indirizzati t-theddida tat-terroriżmu, l-isfidi tad-demografija, il-migrazzjoni u t-tibdil fil-klima, u biex tittieħed l-opportunità mill-prosperità kondiviża. L-UE ser tintensifika kemm l-appoġġ tagħha lill-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani u kemm il-kooperazzjoni magħhom, kif ukoll formati ta' kooperazzjoni funzjonali fir-reġjun. Madankollu, l-organizzazzjonijiet reġjonali ma jindirizzawx id-dinamika rilevanti kollha, u xi wħud jirriflettu d-diskrepanzi eżistenti. Għalhekk, ser naġixxu wkoll b'mod flessibbli biex ngħinu jitnaqqsu d-differenzi u nappoġġaw l-atturi reġjonali jiksbu riżultati konkreti. Dan ser isir billi nimmobilizzaw il-politiki u l-oqfsa bilaterali u multilaterali tagħna kif ukoll permezz ta' sħubiji mas-soċjetajiet ċivili fir-reġjun.

L-UE ser issegwi ħames linji ta' azzjoni. L-ewwel, fil-Magreb u fil-Lvant Nofsani, l-UE ser tappoġġa l-kooperazzjoni multilaterali funzjonali. Ser nappoġġaw kooperazzjoni prattika, inkluż permezz tal-Unjoni għall-Mediterran, fi kwistjonijiet bħalma huma s-sigurtà tal-fruntieri, it-traffikar, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni, is-sigurtà tal-ikel u l-ilma, l-enerġija u l-klima, l-infrastruttura u l-ġestjoni tad-diżastri. Ser inrawmu djalogu u negozjati dwar konflitti reġjonali bħal dawk fis-Sirja u l-Libja. Fir-rigward tal-konflitt bejn il-Palestina u l-Iżrael, l-UE ser taħdem mill-qrib mal-Kwartett, il-Lega Għarbija u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha biex tippreserva l-prospett ta' soluzzjoni vijabbli ta' żewġ stati bbażata fuq linji tal-1967 bi skambji tal-art ekwivalenti, u biex terġa' toħloq il-kondizzjonijiet għal negozjati sinifikanti. L-UE ser tippromwovi wkoll konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u Ewropew biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana.

It-tieni, l-UE ser tapprofondixxi l-kooperazzjoni settorjali mat-Turkija, filwaqt li ser tistinka biex tiżgura d-demokrazija Torka skont il-kriterji tal-adeżjoni tagħha, inkluż in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet ma' Ċipru. Għalhekk, l-UE ser tkompli l-proċess ta' adeżjoni – filwaqt li żżomm kondizzjonalità għall-adeżjoni stretta u ġusta – filwaqt li timpenja ruħha b'mod koerenti fi djalogu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, dwar is-sigurtà reġjonali u r-refuġjati. Ser naħdmu wkoll fuq unjoni doganali modernizzata u l-liberalizzazzjoni tal-viża, u ser inkomplu nikkooperaw mat-Turkija fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-enerġija u t-trasport.

It-tielet, l-UE ser tieħu impenn bilanċjat fil-Golf. Hija ser tkompli tikkoopera mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) u ma' pajjiżi individwali tal-Golf. Filwaqt li tibni u fuq il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt u l-implimentazzjoni tiegħu, hija ser tinvolvi gradwalment lill-Iran f'oqsma bħall-kummerċ, ir-riċerka, l-ambjent, l-enerġija, il-ġlieda kontra t-traffikar, il-migrazzjoni u l-iskambji tas-soċjetà. Hija ser tapprofondixxi d-djalogu mal-Iran u mal-pajjiżi tal-GCC dwar il-konflitti reġjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, filwaqt li ser taħdem għall-prevenzjoni ta' kontaġju tal-kriżijiet eżistenti u trawwem il-lok għall-kooperazzjoni u d-diplomazija.

Ir-raba', fid-dawl taż-żieda fl-interkonnessjonijiet bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Afrika sub-Saħarjana, kif ukoll bejn il-Qarn tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani, l-UE ser tappoġġa l-kooperazzjoni fost dawn subreġjuni. Dan jinkludi t-trawwim ta' relazzjonijiet trijangolari fil-Baħar l-Aħmar bejn l-Ewropa, il-Qarn u l-Golf biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni tas-sigurtà u l-opportunitajiet ekonomiċi. Dan ifisser li tiġi indirizzata b'mod sistematiku d-dinamika transfruntiera fl-Afrika ta' Fuq u fl-Afrika tal-Punent, fir-reġjun tas-Saħel u l-Lag Chad permezz ta' rabtiet eqreb mal-Unjoni Afrikana, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), is-Saħel tal-G5.

Fl-aħħar nett, aħna ser ninvestu fil-paċi u l-iżvilupp fl-Afrika bħala investiment fis-sigurtà u l-prosperità tagħna. Ser nintensifikaw il-kooperazzjoni mal-Unjoni Afrikana u l-appoġġ tagħna għaliha, kif ukoll għall-ECOWAS, l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp fl-Afrika tal-Lvant, u l-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, fost oħrajn. Irridu nsaħħu l-isforzi tagħna biex nistimolaw it-tkabbir u l-impjiegi fl-Afrika. Il-Ftehimiet ta’ Sħubija Ekonomika jistgħu jħeġġu l-integrazzjoni u l-mobbiltà Afrikana, u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni sħiħa u ekwa tal-Afrika fil-katini ta’ valur mondjali. Tinħtieġ ukoll qabża kbira fl-investiment Ewropew fl-Afrika sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp sostenibbli. Aħna ser noħolqu rabtiet aktar b’saħħithom bejn il-politiki tagħna ta' kummerċ, żvilupp u sigurtà fl-Afrika, u ngħaqqdu l-isforzi fl-iżvilupp ma' ħidma fuq il-migrazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-enerġija u l-klima, ix-xjenza u t-teknoloġija, b’mod partikolari biex tittejjeb is-sigurtà tal-ikel. Ser inkomplu nappoġġaw l-isforzi għall-paċi u s-sigurtà fl-Afrika, u nassistu l-ħidma tal-organizzazzjonijiet Afrikani fuq il-prevenzjoni tal-konflitti, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Ser nagħmlu dan permezz tad-diplomazija, il-PSDK u l-iżvilupp, kif ukoll fondi fiduċjarji biex jiġu sostnuti l-istrateġiji reġjonali.

Atlantiku Aktar Viċin

L-UE ser tinvesti aktar biex ikollha rabtiet b'saħħithom fl-Atlantiku, kemm fit-Tramuntana kif ukoll fin-Nofsinhar. Sħubija transatlantika soda permezz tan-NATO u mal-Istati Uniti u l-Kanada tgħinna nsaħħu r-reżiljenza, nindirizzaw il-konflitti, u nikkontribwixxu għal governanza dinjija effettiva. In-NATO, għall-membri tagħha, ilha s-sies ewlieni tas-sigurtà Ewro-Atlantika għal kważi 70 sena. Din tibqa' l-alleanza militari l-aktar b'saħħitha u effettiva fid-dinja. L-UE ser issaħħaħ is-sħubija tagħha man-NATO permezz ta' żvilupp ikkoordinat tal-kapaċitajiet ta' difiża, eżerċizzji paralleli u sinkronizzati, u azzjonijiet li jirrinfurzaw lil xulxin biex insaħħu l-kapaċitajiet tas-sħab tagħna, niġġieldu kontra t-theddid ibridu u ċibernetiku, u nippromwovu s-sigurtà marittima.

Flimkien mal-Istati Uniti, l-UE ser tistinka għal Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). Bħall-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) mal-Kanada, it-TTIP turi l-impenn transatlantiku għal valuri komuni u tagħti sinjal tar-rieda tagħna li naħdmu għal aġenda għall-kummerċ ambizzjuża u bbażata fuq ir-regoli. Fl-aġenda aktar ġenerali tas-sigurtà, l-Istati Uniti ser jibqgħu s-sieħeb ewlieni tagħna. L-UE ser issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti u l-Kanada fl-immaniġġar ta' kriżijiet, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà, il-migrazzjoni, l-enerġija u l-azzjoni klimatika.

Fil-bqija tar-reġjun tal-Atlantiku, l-Unjoni ser iżżid il-kooperazzjoni u tibni sħubijiet aktar b'saħħithom mal-Amerika Latina u l-Karibew, ibbażati fuq valuri u interessi komuni. Ser tiżviluppa rabtiet multilaterali mal-Komunità tal-Istati tal-Amerika Latina u l-Karibew (CELAC) u mar-raggruppamenti reġjonali differenti skont il-vantaġġ kompetittiv tagħhom. Aħna ser nintensifikaw id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni fil-migrazzjoni, is-sigurtà marittima u l-ħarsien tal-ħajja tal-oċeani, it-tibdil fil-klima u l-enerġija, id-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Aħna ser infittxu li nilħqu ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Mercosur, nibnu fuq il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni ma' Kuba, u ninvestu f'konnessjonijiet soċjoekonomiċi aktar profondi mal-pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Karibew permezz tal-faċilitazzjoni tal-viża, skambji tal-istudenti, ġemellaġġ, kooperazzjoni fir-riċerka u proġetti tekniċi. Aħna sejrin ukoll nappoġġaw b'mod attiv in-negozjar u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' paċi fir-reġjun, kif qed nagħmlu fil-Kolombja.

Asja Konnessa

Hemm konnessjoni diretta bejn il-prosperità Ewropea u s-sigurtà fl-Asja. Minħabba l-piż ekonomiku li l-Asja tirrappreżenta għall-UE – u viċe versa – il-paċi u l-istabbiltà fl-Asja huma prerekwiżit għall-prosperità tagħna. Aħna ser nintensifikaw id-diplomazija ekonomika u nżidu r-rwol tagħna fis-sigurtà tal-Asja.

L-UE ser tinvolvi ruħha maċ-Ċina abbażi tar-rispett tal-istat tad-dritt, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Aħna ser nipprovaw nilħqu approċċ koerenti fir-rigward tal-isforzi taċ-Ċina għall-konnettività mal-Punent billi nimmassimizzaw il-potenzjal tal-Pjattaforma ta' Konnettività bejn l-UE u ċ-Ċina, u l-oqfsa tal-ASEM u l-UE-ASEAN. L-UE sejra wkoll tintensifika l-kummerċ u l-investiment maċ-Ċina, u tfittex kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kooperazzjoni akbar fit-teknoloġija avvanzata, u djalogu dwar ir-riforma ekonomika, id-drittijiet tal-bniedem u l-azzjoni klimatika. B'mod parallel, l-UE ser tintensifika d-diplomazija ekonomika tagħha fir-reġjun, u taħdem biex jintlaħqu ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi ma' sħab strateġiċi bħall-Ġappun u l-Indja, kif ukoll l-istati membri tal-ASEAN, bl-għan ta' ftehim eventwali bejn l-UE u l-ASEAN.

Ser niżviluppaw ukoll approċċ aktar politikament varjat lejn l-Asja, filwaqt li nipprovaw nagħmlu kontributi prattiċi akbar għas-sigurtà tal-Asja. Aħna ser nespandu s-sħubijiet tagħna, inkluż dwar is-sigurtà, mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Indoneżja u oħrajn. Aħna ser inkomplu nappoġġaw il-proċessi tal-bini tal-istat u r-rikonċiljazzjoni fl-Afganistan flimkien mas-sħab reġjonali u internazzjonali tagħna. Ser nippromwovu n-nonproliferazzjoni fil-peniżola Koreana. Fl-Asja tal-Lvant u tax-Xlokk, aħna ser niddefendu l-libertà tan-navigazzjoni, nibqgħu sodi fuq ir-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż il-Liġi tal-Baħar u l-proċeduri ta' arbitraġġ tagħha, u ninkoraġġixxu s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim marittimu. Aħna ser ngħinu fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet marittimi u nappoġġaw struttura ta' sigurtà reġjonali mmexxija mill-ASEAN. Fl-Asja Ċentrali u t'Isfel aħna ser insaħħu l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kontra t-traffikar u l-migrazzjoni, kif ukoll intejbu l-konnettività tat-trasport, il-kummerċ u l-enerġija. Fir-reġjuni tal-Paċifiku Indjan u l-Asja tal-Lvant, l-UE ser tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u tappoġġa t-transizzjonijiet demokratiċi bħal fil-Myanmar/Burma.

Artiku Kooperattiv

Billi hemm tliet Stati Membri u żewġ membri taż-Żona Ekonomika Ewropea li huma Stati tal-Artiku, l-UE għandha interess strateġiku li l-Artiku jibqa' żona ta' tensjoni baxxa, b'kooperazzjoni kontinwa żgurata mill-Kunsill tal-Artiku, qafas legali li jiffunzjona sew, u kooperazzjoni solida fil-politika u s-sigurtà. L-UE ser tagħti kontribut għal dan permezz ta' aktar ħidma fuq l-azzjoni klimatika u r-riċerka ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli, it-telekomunikazzjoni, u t-tfittxija u salvataġġ, kif ukoll kooperazzjoni konkreta mal-istati, l-istituzzjonijiet, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali tal-Artiku.

3.5 <u>Governanza Globali għas-Seklu 21:</u>

Mingħajr normi dinjin u l-mezzi biex jiġu nfurzati, il-paċi u s-sigurtà, il-prosperità u d-demokrazija – l-interessi vitali tagħna – ikunu f'riskju. Immexxija mill-valuri li fuqhom hija msejsa, l-UE hija impenjata għal ordni dinjija bbażata fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji tal-Karta tan-NU, li jiżguraw il-paċi, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u aċċess dejjiemi għall-beni komuni globali. Dan l-impenn jissarraf f'aspirazzjoni li tbiddel aktar milli sempliċiment tippreserva s-sistema eżistenti. L-UE ser tistinka għal NU b'saħħitha bħala s-sies tal-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli, u ser tiżviluppa reazzjonijiet koordinati f'livell dinji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, atturi statali u dawk mhux statali.

Riforma: Impenn lejn governanza dinjija għandu jissarraf f'determinazzjoni għar-riforma tan-NU, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà, u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs). Ir-reżistenza għall-bidla tista' twassal għall-erożjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-emerġenza ta' raggruppamenti alternattivi għad-detriment tal-Istati Membri kollha tal-UE. L-UE ser tiddefendi l-prinċipji tal-obbligu ta' rendikont, ir-rappreżentattività, ir-responsabbiltà, l-effettività u t-trasparenza. It-tifsira prattika ta' dawn il-prinċipji ser tiġi żviluppata każ każ. Aħna ser inkomplu wkoll nappellaw lill-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex ma jivvutawx kontra abbozzi ta' riżoluzzjonijiet kredibbli dwar azzjoni f'waqtha u deċiżiva għall-prevenzjoni u t-tmiem ta' atroċitajiet tal-massa. F'fora multilaterali – u b'mod partikolari n-NU, l-IFIs u l-organizzazzjonijiet tal-ġustizzja internazzjonali – l-UE ser issaħħaħ leħinha u tikseb aktar viżibbiltà u koeżjoni. Aħna ser naħdmu għal rappreżentanza dejjem aktar unifikata taż-żona tal-euro fil-Fond Monetarju Internazzjonali.

Investiment: Li wieħed jemmen fin-NU jfisser investiment fiha, b'mod partikolari fil-funzjonijiet tagħha għaż-żamma tal-paċi, il-medjazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-paċi u dawk umanitarji. L-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala diġà l-ewwel kontributur għall-aġenziji umanitarji tan-NU, ser jinvestu aktar fil-ħidma tagħhom. Il-PSDK tista' tassisti aktar u tikkomplementa ż-żamma tal-paċi tan-NU permezz ta' kollegament, stabbilizzazzjoni jew operazzjonijiet oħra. L-UE ser ittejjeb ukoll is-sinerġija mal-isforzi tan-NU għall-konsolidazzjoni tal-paċi, permezz ta' koordinazzjoni akbar fl-ippjanar, l-iżvilupp u l-irtirar ta' missjonijiet tal-PSDK għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'sitwazzjonijiet fraġli.

Implimentazzjoni: L-UE ser tmexxi bl-eżempju billi timplimenta l-impenji tagħha dwar l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima. Hi ser iżżid il-finanzjament għall-klima, tixpruna l-integrazzjoni tal-klima f'fora multilaterali, iżżid l-ambizzjoni għal reviżjoni prevista fil-ftehim ta' Pariġi, u taħdem għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' enerġija nadifa. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) ser jikkontribwixxu għas-sħubija ta' wara Cotonou u jixprunaw ir-riforma fil-politika tal-iżvilupp, inkluż il-Kunsens tal-UE dwar l-Iżvilupp. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-SDGs ser tirrikjedi bidla fil-politiki interni u esterni kollha, filwaqt li jiġu katalizzati s-sħubijiet pubbliċi-privati, u tiġi sfruttata l-esperjenza tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fl-għoti ta' assistenza teknika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk bi dħul medju.

Approfondiment: Bħala l-akbar ekonomija fid-dinja, l-UE hija protagonista fil-kummerċ u l-investiment dinjin, oqsma li fihom ir-regoli jistgħu jiġu approfonditi aktar. Il-prosperità tagħna tiddependi fuq sistema ekonomika miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, b'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni li huma tassew ekwivalenti, li d-diplomazija ekonomika tagħna ser tkompli tippromwovi. Aħna ser naħdmu biex nilħqu ftehimiet komprensivi ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Merkosur, l-Indja, l-ASEAN u oħrajn bħala elementi importanti ta' kummerċ ħieles dinji. Ftehimiet ambizzjużi mibnija fuq benefiċċji reċiproċi bħat-TTIP u s-CETA jistgħu jippromwovu standards regolatorji internazzjonali, il-protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll normi għax-xogħol, l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza. Ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet kummerċjali li jinkludu s-servizzi, l-ekonomija diġitali, l-enerġija u l-materja prima tista' tnaqqas il-frammentazzjoni u l-ostakli legali, u tirregola l-aċċess għal riżorsi naturali. L-UE ser tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali kollha tagħha jintlaħqu b'mod li jappoġġa r-ritorn tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fiċ-ċentru tan-negozjati globali. Marbuta mal-interess tal-UE f'sistema ekonomika miftuħa u ġusta hija l-ħtieġa għal tkabbir u sigurtà marittimi globali, li jiżguraw rotot tal-oċeani u tal-ibħra miftuħa u protetti li huma kritiċi għall-kummerċ u l-aċċess għal riżorsi naturali. L-UE ser tikkontribwixxi għas-sigurtà marittima globali, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha fl-Oċean Indjan u l-Mediterran, u tesplora possibbiltajiet fil-Golf tal-Guinea, il-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, kif ukoll fl-Istrett ta' Malacca. Bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali, l-UE ser taħdem biex tkompli tiġi universalizzata u implimentata l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, inkluż il-mekkaniżmi tagħha għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Ser nippromwovu wkoll il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u d-diversità bijoloġika u t-tkabbir tal-ekonomija blu billi naħdmu biex jimtlew il-lakuni legali u jittejbu l-għarfien u l-kuxjenza dwar l-oċeani.

Twessigħ: Aħna ser infittxu li nwessgħu l-ambitu tan-normi, ir-reġimi u l-istituzzjonijiet internazzjonali. Il-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom jibqgħu theddida dejjem tikber għall-Ewropa u l-kumplament tad-dinja. L-UE ser tappoġġa bis-sħiħ is-sħubija li qed tikber, l-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tat-trattati u r-reġimi multilaterali għad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi. Aħna ser nużaw il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħna biex ngħinu biex tinkiseb soluzzjoni għall-kriżijiet ta' proliferazzjoni, kif għamilna b'suċċess fil-każ tal-programm nukleari Iranjan. L-UE ser tipparteċipa b'mod attiv f'reġimi għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, issaħħaħ ir-regoli komuni li jirregolaw il-politiki tal-Istati Membri dwar l-esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġiji militari – inkluż dawk b'użu doppju – u tappoġġa lill-awtoritajiet tal-kontroll tal-esportazzjonijiet f'pajjiżi terzi u korpi tekniċi li jappoġġaw reġimi għall-kontroll tal-armi. L-UE ser tippromwovi wkoll ir-responsabbiltà li tipproteġi d-dritt umanitarju internazzjonali, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt kriminali internazzjonali. Aħna ser nappoġġaw il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u nħeġġu l-aċċettazzjoni l-aktar mifruxa tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

Żvilupp: Mal-fruntieri ta' affarijiet globali, ir-regoli għandhom jiġu żviluppati aktar biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-aċċess sostenibbli għall-beni komuni globali. L-UE ser tkun parteċipanta fiċ-ċibernetika li tħares 'il quddiem, filwaqt li tipproteġi l-assi u l-valuri kritiċi tagħna fid-dinja diġitali, b'mod partikolari billi tippromwovi internet globali ħieles u sigur. Aħna ser nipparteċipaw fid-diplomazija ċibernetika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet mas-sħab tagħna, u nfittxu li nilħqu ftehim dwar imġiba responsabbli tal-istati fiċ-ċiberspazju abbażi tal-liġijiet internazzjonali eżistenti. Aħna ser nappoġġaw governanza diġitali multilaterali u qafas ta' kooperazzjoni globali fiċ-ċibersigurtà, b'rispett lejn iċ-ċirkolazzjoni libera tal-informazzjoni. Fl-ispazju, ser nippromwovu l-awtonomija u s-sigurtà tas-servizzi tagħna li huma bbażati fl-ispazju u naħdmu fuq prinċipji għal imġiba responsabbli fl-ispazju, li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta volontarju internazzjonali. Fil-qasam tal-enerġija, ser ninkoraġġixxu mekkaniżmi multilaterali mmirati lejn l-iżgurar ta' xejriet ta' enerġija sostenibbli kemm billi niżviluppaw il-politiki sostenibbli tagħna stess kif ukoll billi nsaħħu d-djalogu ma' konsumaturi u produtturi ewlenin tal-enerġija. Fil-qasam tas-saħħa, ser naħdmu għal prevenzjoni, identifikazzjoni u rispons aktar effettivi għal pandemiji globali. Jinħtieġu wkoll regoli globali f'oqsma bħall-bijoteknoloġija, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u s-sistemi ppilotati mill-bogħod, biex jiġu evitati r-riskji relatati ta' sigurtà u naħsdu l-benefiċċji ekonomiċi tagħhom. Dwar dawn il-kwistjonijiet kollha, l-UE ser tippromwovi skambji mal-fora multilaterali rilevanti biex tgħin fl-ixprunar tal-iżvilupp ta' regoli u tibni sħubiji fil-fruntieri tal-kwistjonijiet globali.

Sħubija: L-UE ser tmexxi bl-eżempju fir-rigward tal-governanza dinjija. Iżda hi ma tistax tagħti r-riżultati waħedha. Hi ser isservi ta' dik li tfassal l-aġenda, konnettur, koordinatur u faċilitatur fi ħdan netwerk mifruxa ta' atturi. Ser tissieħeb ma' stati u organizzazzjonijiet, iżda wkoll mas-settur privat u s-soċjetà ċivili. Fir-rigward tal-maġġoranza ta' kwistjonijiet ta' governanza dinjija, aħna ser naħdmu man-NU bħala l-qafas tas-sistema multilaterali u sieħba ewlenija tal-Unjoni, ma' sħab ewlenin oħrajn bħall-Istati Uniti, ma' organizzazzjonijiet reġjonali, u sħab strateġiċi li jaħsbuha bl-istess mod fl-Asja, l-Afrika u l-Kontinent Amerikan. L-UE ser tinvesti wkoll f'atturi kruċjali mhux statali, b'mod partikolari fis-soċjetà ċivili. Minkejja r-repressjoni dejjem tiżdied, is-soċjetà ċivili globali qed tikber, u qed trawwem tipi ġodda ta' attiviżmu. L-UE ser issaħħaħ il-mezzi biex jiġu protetti l-atturi ċivili u jingħataw aktar setgħa, b'mod partikolari d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, biex b'hekk issostni soċjetà ċivili vibranti mad-dinja kollha.

Il-format biex titwassal governanza dinjija effettiva jista' jvarja minn każ għal każ. Dwar iċ-ċiberspazju, il-governanza djinjija tiddependi minn alleanza progressiva bejn stati, organizzazzjonijiet internazzjonali, l-industrija, is-soċjetà ċivili u l-esperti tekniċi. Dwar il-multilateraliżmu marittimu, l-UE ser taħdem man-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, in-NATO, is-sħab strateġiċi tagħna, u l-ASEAN. Dwar l-azzjoni umanitarja, l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, l-UE ser tissieħeb man-NU u l-G20, kif ukoll donaturi ġodda, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. Dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, aħna ser napprofondixxu d-djalogu man-NU, filwaqt li nibnu sħubijiet wiesgħa ma' stati, organizzazzjonijiet reġjonali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat dwar kwistjonijiet bħalma huma l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u l-finanzjament tat-terroriżmu.

4. MINN VIŻJONI GĦAL AZZJONI

Aħna ser naħdmu għall-prijoritajiet tagħna billi nimmobilizzaw in-netwerks bla paragun tagħna, il-piż ekonomiku tagħna u l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna b'mod koerenti u koordinat. Biex nissodisfaw l-għanijiet tagħna, madankollu, irridu ninvestu b'mod kollettiv f'Unjoni kredibbli, reattiva u magħquda.

Unjoni Kredibbli

Biex nimpenjaw ruħna b'mod responsabbli mad-dinja, il-kredibbiltà hija essenzjali. Il-kredibbiltà tal-UE tiddependi fuq l-unità tagħna, fuq il-bosta kisbiet tagħna, fuq is-setgħa ta' attrazzjoni dejjiema tagħna, l-effettività u l-konsistenza tal-politiki tagħna, u r-rispett tal-valuri tagħna. Unjoni aktar b'saħħitha teħtieġ li jsir investiment fid-dimensjonijiet kollha ta' politika barranija, mir-riċerka u l-klima sal-infrastruttura u l-mobbiltà, mill-kummerċ u s-sanzjonijiet sad-diplomazija u l-iżvilupp.

F'din id-dinja fraġli, is-setgħa ta' persważjoni mhix biżżejjed: jeħtieġ li nsaħħu l-kredibbiltà tagħna fis-sigurtà u d-difiża. Biex jirrispondu għal kriżijiet esterni, jibnu l-kapaċitajiet tas-sħab tagħna u jipproteġu lill-Ewropa, l-Istati Membri jridu jgħaddu livell suffiċjenti ta' nfiq għad-difiża, jagħmlu l-aktar użu effiċjenti mir-riżorsi, u jissodisfaw l-impenn kollettiv ta' 20% tal-infiq tal-baġit tad-difiża ddedikat għall-akkwist ta' tagħmir u Riċerka u Teknoloġija. Il-kapaċitajiet għandhom jiġu żviluppati bl-aktar mod interoperabbli u komuni, u għandhom ikunu disponibbli meta jkun possibbli b'appoġġ għall-UE, in-NATO, in-NU u sforzi multinazzjonali oħra. Filwaqt li strateġija settorjali, li għandha tiġi miftiehma mill-Kunsill, għandha tispeċifika aktar il-livell ta' ambizzjoni ċivili-militari, il-kompiti, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-kapaċità li joħorġu minn din l-Istrateġija, xi oqsma bħal dawn diġà jistgħu jiġu enfasizzati f'konformità mal-impenji magħmula mill-Kunsill Ewropew.

L-ewwel nett, is-sigurtà Ewropea tiddependi fuq valutazzjonijiet aħjar u kondiviżi ta' theddid u sfidi interni u esterni. L-Ewropej jeħtieġ li jtejbu l-monitoraġġ u l-kontroll tal-flussi li għandhom implikazzjonijiet ta' sigurtà. Dan jeħtieġ investiment f'Intelligence, Sorveljanza u Rikonoxximent inkluż sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod, komunikazzjoni bis-satellita u aċċess awtonomu għall-ispazju u osservazzjoni permanenti tad-dinja. Rigward il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-leġislazzjoni dwar l-isplussivi, l-armi tan-nar u r-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNRs), kif ukoll jinvestu f'kapaċitajiet għad-detezzjoni u t-traċċar transfruntier ta' armi. It-tieni, l-Ewropej għandhom jinvestu f'kapaċitajiet diġitali għas-sikurezza tad-data, in-netwerks u l-infrastruttura kritika fl-ispazju diġitali Ewropew. Għandna niżviluppaw kapaċitajiet fi prodotti u servizzi diġitali fdati u fit-teknoloġiji ċibernetiċi biex intejbu r-reżiljenza tagħna. Aħna ser inħeġġu investimenti akbar u ħiliet fl-Istati Membri kollha permezz ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp, taħriġ, eżerċizzji u programmi ta' akkwist. It-tielet, rigward il-kapaċitajiet militari ta' livell għoli, l-Istati Membri jeħtieġu t-tagħmir ewlieni kollu biex jirrispondu għal kriżijiet esterni u jżommu l-Ewropa sikura. Dan ifisser li jkollhom spettru sħiħ ta' kapaċitajiet tal-art, l-ajru, l-ispazju u marittimi, inkluż faċilitaturi strateġiċi.

Biex jiksbu u jżommu ħafna minn dawn il-kapaċitajiet, l-Istati Membri ser ikollhom jersqu lejn il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bħala n-norma. L-Istati Membri jibqgħu sovrani għad-difiża tagħhom: madankollu, programmi ta' difiża b'orjentazzjoni nazzjonali mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kapaċità. Aħna għadna 'l bogħod milli nilħqu l-punti ta' riferiment kollettivi tagħna, inkluż 35% tal-infiq totali fuq it-tagħmir f'akkwist kollaborattiv. L-approċċ volontarju għal kooperazzjoni fid-difiża għandu jissarraf f'impenn reali. Proċess annwali ta' rieżami koordinat fil-livell tal-UE biex jiġu diskussi l-pjanijiet ta' nfiq militari tal-Istati Membri jista' jrawwem koerenza akbar fl-ippjanar tad-difiża u l-iżvilupp tal-kapaċità. Dan għandu jsir f'koerenza sħiħa mal-proċess tal-ippjanar tad-difiża tan-NATO. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) għandha rwol ewlieni x'taqdi billi ssaħħaħ il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, li jaġixxi bħala kollegament bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u jgħin lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet li jirriżultaw mill-miri politiċi stabbiliti f'din l-istrateġija.

Il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bejn l-Istati Membri ser tiġi sistematikament imħeġġa. Valutazzjonijiet regolari tal-punti ta' riferiment tal-EDA jistgħu joħolqu pressjoni bejn il-pari pożittiva fost l-Istati Membri. B'mod kruċjali, il-finanzjament tal-UE għar-riċerka u t-teknoloġija dwar id-difiża, rifless l-ewwel fir-reviżjoni intermedja tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u mbagħad fi programm sħiħ fiċ-ċiklu baġitarju li jmiss, ser ikun strumentali fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża li teħtieġ l-Ewropa.

Industrija tad-difiża Ewropea sostenibbli, innovattiva u kompetittiva hija essenzjali għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa u għal PSDK kredibbli. Din tista' wkoll tistimula t-tkabbir u l-impjiegi. Bażi industrijali u teknoloġika soda tad-difiża Ewropea teħtieġ suq intern ġust, li jiffunzjona u trasparenti, sigurtà tal-provvista, u djalogu strutturat ma' industriji rilevanti għad-difiża. Barra minn hekk, l-iżgurar tal-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fis-settur tad-difiża jista' jtejjeb l-innovazzjoni u l-investiment fit-teknoloġiji militari ta' għada.

Unjoni Reattiva

Qegħdin ngħixu f'dinja ta' imprevedibbiltà prevedibbli. Għalhekk aħna ser ngħammru lilna nfusna biex nirreaġixxu aktar malajr u b'mod flessibbli għall-ġejjieni mhux magħruf. Unjoni aktar reattiva teħtieġ bidla. Għandna bżonnha fid-diplomazija, fil-PSDK u l-iżvilupp, kif ukoll fl-investiment fil-bażi ta' għarfien li tirfed l-azzjoni esterna tagħna.

L-ewwel nett, l-azzjoni diplomatika tagħna għandha tkun imsejsa fuq it-Trattat ta' Lisbona. Il-politika barranija tal-UE mhijiex prestazzjoni individwali: hija orkestra li ddoqq mill-istess partitura. Id-diversità tagħna hija ass kbir ħafna dment li nibqgħu magħqudin u naħdmu b'mod koordinat. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tista' ssaħħaħ l-impenn tagħna fid-dinja. Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri li huma lesti u li huma kapaċi jikkontribwixxu jistgħu jiġu mistiedna mir-Rappreżentant Għoli (RGħ), taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, biex jimplimentaw pożizzjonijiet miftiehma tal-Kunsill. Ir-RGħ għandu jżomm lill-Kunsill infurmat bis-sħiħ u għandu jiżgura konsistenza ma' politiki maqbula tal-UE.

It-tieni, il-PSDK għandha ssir aktar rapida u effettiva. L-Ewropej għandhom ikunu lesti li jirreaġixxu b'mod rapidu għall-kriżijiet f'konformità sħiħa mal-Karta tan-NU. Dan jeħtieġ li l-Istati Membri jtejbu l-iskjerament u l-interoperabbiltà tal-forzi tagħhom permezz ta' taħriġ u eżerċizzji. Għandna niżviluppaw il-kapaċità għal reazzjoni rapida wkoll billi jiġu indirizzati l-ostakli proċedurali, finanzjarji u politiċi li jostakolaw l-iskjerament tal-Gruppi ta' Battalja, ixekklu l-ġenerazzjoni ta' forza u jnaqqsu l-effettività tal-operazzjonijiet militari tal-PSDK. Fl-istess ħin, irridu niżviluppaw aktar il-missjonijiet ċivili tagħna – element li jikkaratterizza l-PSDK – billi nħeġġu l-ġenerazzjoni tal-forza, nħaffu l-iskjerament, u nipprovdu taħriġ adegwat ibbażat fuq kurrikuli fl-UE kollha. PSDK reattiva titlob ukoll is-simplifikazzjoni tal-istruttura istituzzjonali tagħna. Irridu nsaħħu l-istrutturi għall-ippjanar u t-twettiq tal-operazzjonijiet, u nibnu konnessjonijiet eqreb bejn l-istrutturi u l-missjonijiet ċivili u militari, b'kont meħud li dawn jistgħu jiġu skjerati fl-istess post. Għandha tiġi esplorata kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Jekk tirnexxi u tiġi ripetuta maż-żmien, din tista' twassal għal forma aktar strutturata ta' kooperazzjoni, bl-użu sħiħ tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona.

It-tielet nett, il-politika ta' żvilupp issir aktar flessibbli u allinjata mal-prijoritajiet strateġiċi tagħna. Aħna naffermaw mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħna li jilħqu l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG f'konformità mal-prinċipji tad-DAC. Il-fondi għall-iżvilupp għandhom ikunu stabbli, iżda ċikli tal-ipprogrammar li jieħdu żmien twil jillimitaw l-użu f'waqtu ta' appoġġ tal-UE, u jistgħu jnaqqsu l-viżibbiltà u l-impatt tagħna. Id-disponibbiltà ta' ammonti limitati għal attivitajiet fuq il-post, speċjalment fil-qasam tal-prevenzjoni ta' konflitti u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, għandha ssir aktar flessibbli. Fil-Kummissjoni kollha, ser tiġi inkorporata l-flessibbiltà fl-istrumenti finanzjarji tagħna, li tippermetti l-użu ta' fondi mhux impenjati fi kwalunkwe sena li jiġu trasferiti għas-snin sussegwenti biex nirrispondu għall-kriżijiet. Dan ser jgħin ukoll biex jimtlew il-lakuni bejn l-istrumenti finanzjarji u l-intestaturi baġitarji. B'mod parallel, wasal iż-żmien li jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tal-għadd ta' strumenti biex tittejjeb il-koerenza u l-flessibbiltà tagħna, filwaqt li jogħla l-ammont totali ddedikat għall-iżvilupp.

Azzjoni esterna reattiva għandha tkun imsejsa fuq bażi ta' għarfien qawwi. Approċċi mmirati lejn ir-reżiljenza, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti jeħtieġu għarfien tas-sitwazzjoni iktar fil-fond. L-UE ser tinvesti fis-SEAE u tikkoordina aħjar fost l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri. It-tqegħid tal-kulturi nazzjonali differenti tagħna għas-servizz tal-interessi komuni tagħna huwa sfida, iżda l-ġabra tat-talenti disponibbli għalina hija unika. Biex nagħmlu l-aħjar użu minn dan, aħna ser ninvestu fin-nies, partikularment dawk fuq il-post. Dan ifisser li d-delegazzjonijiet tagħna jiġu mgħammra bil-ħiliet esperti meħtieġa, inkluż dwar kwistjonijiet settorjali u fil-lingwi lokali, nagħtu valur lill-esperjenza f'reġjun u l-esperjenza tiegħu, inqawwu s-sezzjonijiet politiċi tad-delegazzjonijiet, u nħeġġu lill-persunal operattiv biex juża l-għarfien espert tiegħu aktar politikament. Dan ifisser it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess tat-tfassil tal-politika barranija. Dan ifisser investiment fis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE għall-Konflitti, u li nagħmlu kull impenn estern tagħna sensittiv għall-konflitti u d-drittijiet. Aħna sejrin inwettqu wkoll aktar kondiviżjoni ta' informazzjoni u rappurtar konġunt, analiżi u ppjanar tar-rispons bejn l-ambaxxati tal-Istati Membri, id-Delegazzjonijiet tal-UE, is-servizzi tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE u l-missjonijiet tal-PSDK. Aħna ser inħeġġu l-qsim reċiproku ta' ideat bejnietna u l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, is-soċjetà ċivili, l-akkademja, il-gruppi ta' riflessjoni u s-settur privat. Ser nagħmlu dan kemm b'modi tradizzjonali – permezz ta' djalogu, kooperazzjoni u appoġġ –, u permezz ta' formati innovattivi bħal skambji, persunal inkorporat u faċilitajiet konġunti, l-użu tal-għarfien u l-kreattività fis-sistema tagħna.

Unjoni Magħquda

Fl-aħħar nett, l-azzjoni esterna tagħna ser issir aktar magħquda. Matul is-snin, ittieħdu passi importanti f'dan ir-rigward: dawn jinkludu innovazzjonijiet istituzzjonali, bħal pereżempju l-ħolqien tar-Rappreżentant Għoli u Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea (RGħ/VP) u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) b'żewġ rwoli tat-Trattat ta' Lisbona. SEAE b'saħħtu li jaħdem flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE jinsab fil-qalba ta' rwol koerenti tal-UE fid-dinja. L-isforzi għall-koerenza jinkludu wkoll innovazzjonijiet ta' politika bħalma huma l-"approċċ komprensiv għall-konflitti u l-kriżijiet" u l-programmazzjoni konġunta fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li għandhom jiġu msaħħa aktar. Oqsma ġodda tal-azzjoni esterna magħquda tagħna jinkludu d-diplomazija tal-enerġija, id-diplomazija kulturali u d-diplomazija ekonomika.

Unjoni aktar prospera teħtieġ li l-prijoritajiet ekonomiċi jiġu stabbiliti fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi u r-reġjuni kollha, u li jiġu integrati fid-dimensjonijiet esterni tal-politiki interni kollha. Unjoni aktar prospera titlob għal aktar koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri, il-BEI u s-settur privat. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli wkoll jirrappreżentaw opportunità biex tiġi kkatalizzata din il-koerenza. L-implimentazzjoni tagħhom ser toħloq koerenza bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki tagħna u fl-istrumenti finanzjarji kollha. Din tippermettilna niżviluppaw modi ġodda biex jitħalltu l-għotjiet, is-self u s-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat. L-SDGs iħeġġuna wkoll biex nespandu u napplikaw il-prinċipju ta' koerenza politika għall-iżvilupp ma' oqsma ta' politika oħra, u ninkoraġġixxu analiżi u impenn konġunti fis-servizzi tal-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri.

Jeħtieġ li nsiru aktar magħquda fil-politiki interni u esterni. Il-fenomenu tal-migrazzjoni, pereżempju, jirrikjedi taħlita ta' politika bilanċjata u konformi mad-drittijiet tal-bniedem li tindirizza l-ġestjoni tal-flussi u l-kawżi strutturali. Dan ifisser li tingħeleb il-frammentazzjoni tal-politiki esterni rilevanti għall-migrazzjoni. B'mod partikolari, aħna ser niżviluppaw rabtiet aktar sodi bejn l-isforzi umanitarji u ta' żvilupp permezz ta' analiżi konġunti tar-riskju, u pprogrammar u finanzjament pluriennali. Ser nagħmlu wkoll politiki esterni u strumenti differenti sensittivi għall-migrazzjoni – mid-diplomazija u l-PKSD sal-iżvilupp u l-klima – u niżguraw il-koerenza tagħhom ma' dawk interni rigward il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna, l-asil, l-impjiegi, il-kultura u l-edukazzjoni.

F'termini ta' sigurtà, it-terroriżmu, it-theddid ibridu u l-kriminalità organizzata ma għandhomx fruntieri. Dan jitlob għal rabtiet istituzzjonali aktar stretti bejn l-azzjoni esterna tagħna u l-ispazju intern ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Ser jitrawmu rabtiet aktar mill-qrib permezz ta' laqgħat konġunti tal-Kunsill u task forces konġunti bejn is-SEAE u l-Kummissjoni. Il-politika tad-difiża teħtieġ ukoll li tkun marbuta aħjar ma' politiki dwar is-suq intern, l-industrija u l-ispazju. L-isforzi tal-Istati Membri għandhom ukoll ikunu aktar magħquda: il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tagħna tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u l-intelligence għandhom jissaħħu. Għandna nużaw il-potenzjal sħiħ tal-Europol u l-Eurojust, u nipprovdu appoġġ akbar għaċ-Ċentru tal-Intelligence tal-UE. Għandna ndaħħlu u nikkoordinaw intelligence meħuda minn bażijiet tad-data Ewropej, u nużaw l-ICT – inkluż l-analiżi tal-Big Data – sabiex niksbu għarfien aktar fil-fond tas-sitwazzjoni. Iċ-ċittadini tagħna jeħtieġu protezzjoni aħjar anke f'pajjiżi terzi permezz ta' pjanijiet ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' rispons għal kriżijiet bejn l-Istati Membri.

Jeħtieġ li nsiru aktar magħquda fil-politiki tagħna tas-sigurtà u l-iżvilupp. Missjonijiet tal-PSDK għall-bini tal-kapaċità għandhom jiġu kkoordinati mal-ħidma mill-Kummissjoni fuq is-settur tas-sigurtà u l-istat tad-dritt. Il-Bini tal-Kapaċità għas-Sigurtà u l-Iżvilupp jista' jkollu rwol ewlieni biex tingħata s-setgħa u l-ħila lis-sħab tagħna għall-prevenzjoni u r-rispons għal kriżijiet, u jeħtieġ li jiġi appoġġat finanzjarjament mill-UE. Il-politika tagħna għall-paċi għandha wkoll tiżgura wkoll transizzjoni aktar faċli minn ġestjoni ta' kriżijiet fuq żmien qasir għall-konsolidazzjoni tal-paċi fit-tul biex jiġu evitati lakuni tul iċ-ċiklu tal-konflitt. Ħidma fit-tul fuq paċi, reżiljenza u drittijiet tal-bniedem preventivi għandha tkun marbuta ma' rispons għall-kriżijiet permezz ta' għajnuna umanitarja, il-PSDK, sanzjonijiet u d-diplomazija.

Fl-aħħar nett, aħna ser nintegraw sistematikament il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bnieden u l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-setturi tal-politika u l-istituzzjonijiet, kif ukoll nħeġġu koordinazzjoni aktar mill-qrib dwar kwistjonijiet diġitali. Huma meħtieġa aktar sensibilizzazzjoni u għarfien espert dwar dawn il-kwistjonijiet fi ħdan is-SEAE u l-Kummissjoni. Koordinazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet iżżid ukoll il-konsistenza u t-tixrid tal-aħjar prattiki, tgħinna nibnu Unjoni aktar b'saħħitha u dinja aktar reżiljenti, paċifika u sostenibbli.

It-Triq 'il Quddiem.

Din l-istrateġija hija msejsa fuq il-viżjoni ta', u l-ambizzjoni għal, Unjoni aktar b'saħħitha, lesta u kapaċi li tagħmel differenza pożittiva għaċ-ċittadini tagħha u fid-dinja. Issa jeħtieġ li malajr insarrfuha f'azzjoni. L-ewwel nett, ser nirrevedu l-istrateġiji settorjali eżistenti, kif ukoll infasslu u nimplimentaw strateġiji ġodda tematiċi jew ġeografiċi skont il-prijoritajiet politiċi ta' din l-Istrateġija. Din il-ħidma għandha tibda bi proċeduri ċari u skedi ta' żmien miftiehma minnufih mill-atturi rilevanti kollha. It-tieni, l-Istrateġija Globali tal-UE nnifisha ser tkun teħtieġ reviżjoni perjodika f'konsultazzjoni mal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Fuq bażi annwali ser nirriflettu dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Istrateġija, biex nidentifikaw fejn iridu naħdmu għal implimentazzjoni ulterjuri. Fl-aħħar nett, proċess ġdid ta' riflessjoni strateġika ser jitnieda kull meta l-UE u l-Istati Membri tagħha jqisu li huwa meħtieġ sabiex l-Unjoni tkun tista' timxi b'mod effettiv fi żminijietna. Iċ-ċittadini tagħna jistħoqqilhom Unjoni ta' vera, li tippromwovi l-interessi komuni tagħna billi tinvolvi ruħha b'mod responsabbli u fi sħubija ma' oħrajn.